# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2024**

**Numru : 30**
**Rikors numru 300/2022/2 JVC**

**XNT Limited (C 52182)**

**v.**

**Il-Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja**
**u L-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza hija dwar l-appell li kull wieħed mill-intimati ppreżenta mis-sentenza bin-numru u fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-13 ta' Lulju 2023 li ddikjarat li l-partijiet tal-Att kontra *Money Laundering* ["Kap. 373"] u r-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terrorizmu ["L.S. 373.01"] li

wasslu sabiex il-Korp intimat [“FIAU” jew “il-Korp”] innifsu jimponi multa ta’ €244,679 fuq ir-rikorrenti, huma bi ksur id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“il-Konvenzjoni”] u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”]. Għalhekk, il-Qorti tal-ewwel grad irrevokat l-istess multa billi ħassret id-decizjoni tal-FIAU tad-9 ta’ Ġunju, 2022 u ordnat li l-atti fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti jiġu rinvjati lura fl-istadju qabel ma’ dawn tressqu quddiem il-Kumitat għall-konsiderazzjoni, deċiżjoni u l-impożizzjoni tal-multi u illi l-każ fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti jkompli jinstema’ wara li l-istat Malti jilleġifera sabiex jikkostitwixxi entità awtonoma u indipendenti sabiex tisma’ u tiddeċiedi l-każ b’ rispett u in ottemperanza mal-garanziji kollha ta’ smigh xieraq.

**<u>Preliminari</u>**

2. Il-fatti li wasslu lir-rikorrenti sabiex tippreżenta din il-kawża sostanzjalmewnt huma dawn:

> 2.1. Is-soċjetà rikorrenti hija liċenzjata sabiex topera fis-settur finanzjarju u toffri servizzi ta’ investiment. Għalhekk, tikkwalifika bħala persuna suġġetta taħt il-Kap. 373 u l-L.S. 373.01. u

għandha obbligazzjonijiet relattivi għall-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus u finanzjar ta' terroriżmu;

2.2. F'dak ir-rigward, l-FIAU *inter alia* għandu funzjoni superviżorja u jista' jimponi sanzjonijiet f'każ ta' ksur ta' obbligazzjonijiet min-naħa tal-persuna liċenzjata;

2.3. F'dan il-każ jidher li l-Malta Financial Services Authority għan-nom tal-FIAU għamlet 'compliance review' tal-kumpanija rikorrent. Dan kien f'Jannar tal-2021, l-MFSA ħarġet *Compliance Review Report* datat 16 ta' April 2021 b'numru ta' konklużjonijiet[1]. It-*team* responsabbli minn dak l-eżami kien kompost minn Dr Stephanie Borg, bħala *lead compliance officer* fil-*Financial Crime and Complinace* tal-MFSA, u Mr. Dylan Tonna, Mr Andre Cachia, u Ms Nicole Causon, ilkoll *compliance officers* fl-istess *unit*. Ir-rapport iffirmat minn Anthony Eddington, kap tal-Financial Crimie Compliance u l-uffiċjal Dylan Tonna. Kopja tar-rapport intbagħatet lid-Direttur tal-FIAU.

2.4. Fis-16 ta' Mejju 2021, il-kumpanija rikorrenti għamlet is-sottomissjonijiet tagħha dwar dak ir-rapport[2];

[1] Fol. 100 *et seq*
[2] Fol. 121 *et seq*

2.5. Fis-7 ta' Settembru 2021[3] iltaqa' l-*Compliance Monitoring Committee* tal-FIAU kompost minn Kenneth Farrugia, Direttur, bħala *Chairperson*, Jonathan Phyall, *Head Legal*, u Elena Tabone *Head Enforcement* bħala membri u Jeanise Attard, *Enforcement Secretary*, bħala segretarja tal-istess kumitat. Għal-laqgħa attendew ukoll William Scicluna, *Senior Manager seconded with the Enforcement Section,* u Dylan Tonna, *Financial Crime Compliance – MFSA Official.* Ma jirriżultax li r-rikorrenti kienet mistiedna għal dik il-laqgħa li fiha l-FIAU ddeċidiet li timponi penali ta' €244,679.

2.6. Permezz ta' ittra datata 9 ta' Ġunju 2022[4], l-FIAU informa lill-kumpanija rikorrenti b'għadd ta' nuqqasijiet fl-obbligazzjonijiet li għandha skont l-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373)/regolamenti applikabbli /*implementing procedures*. Minħabba f'hekk ħarġet piena amministrattiva fl-ammont komplessiv ta' €244,679[5] *a tenur* tar-regolament 21 tar-regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01)[6]. Fl-ittra jingħad ukoll li skont l-Artikolu 13C tal-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373), fi żmien

[3] Fol. 140 *et seq*
[4] Fol. 6 *et seq.*
[5] Fol. 33
[6] Fol. 31

ħamest ijiem kien ser jiġi pubblikat avviż fis-sit elettroniku li jagħti tagħrif dwar il-piena imposta u l-miżuri li ttieħdu[7];

2.7. Effettivament, l-avviż ġie ppubblikat fit-13 ta' Ġunju 2022[8] fejn jingħata tagħrif bħad-data meta kienet imposta l-piena amministrattiva, il-persuna li weħlet dik il-piena, u l-artikoli tal-liġi u regolamenti li r-rikorrenti kisret.

3. Fl-14 ta' Ġunju 2022 ir-rikorrenti fetħet din il-kawża fejn ilmentat li l-piena amministrattiva ġiet imposta mingħajr ma kellha smigħ xieraq, u dan bi ksur tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Talbet għalhekk:

*"1. Tiddikjara li l-fatt illi l-liġi tal-Money Laundering, fosthom il-Kap. 373 – L-Att dwar il-Money Laundering u l-Legislazzjoni Sussidjarja 373.01 – Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terrorizmu, tippermetti lill-FIAU timponi pieni amministrattivi sostanzjali u l-fatt illi f'dan il-każ l-istess FIAU imponiet multa ta' 244,679 Euro dan jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;*

*2. Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tirrevoka l-multa amministrattiva imposta fuq is-soċjetà esponenti;*

*3. Tagħti ordni ad interim li l-FIAU għandha tirtira minn fuq is-sit elettroniku kull referenza għal din il-piena amministrattiva sakemm jiġu deċiżi dawn il-proċeduri;*

*Bl-ispejjeż."*

[7] Fol. 36
[8] Fol. 31 tal-inkartament tar-rikors għal ordni *interim*

4. Permezz ta' risposta ppreżentata fil-21 ta' Ġunju 2022[9], l-FIAU wieġeb hekk:

> *"1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi r-rikors promotur huwa irritu u null stante li t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex ibbazati fuq, u ma jsegwux, il-premessi kontenuti fl-istess rikors promotur. B'mod speficiku rigward l-allegat ksur tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex issib ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dana meta l-premessi jaghmlu referenza ripetuta – u sahansitra jiccitaw – l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, minghajr ebda referenza kwalunkwe ghall-Artikolu 39;*
>
> *2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi r-rikors promotur huwa wkoll irritu u null billi jonqos milli jispecifika liema huma dawk id-disposizzjonijiet tal-Ligi li allegatament jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Din l-Onorabbli Qorti evidentement ma tistax tiddikjara li l-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta jew ir-Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terrorizmu (L.S. 373.01) huma nulli fl-intier taghhom, lanqas ma huwa r-rwol ta' din l-Onorabbli Qorti illi tindividwalizza hija stess liema huma l-Artikoli tal-Ligi li qed tillanja minnhom ir-rikorrenti. Ghalhekk ma tistax tinghata dikjarazzjoni illi l-Ligi tilledi d-drittijiet tal-bniedem minghajr indikazzjoni cara dwar liema huma l-Artikoli fil-ligi li qed jigu kontestati (vide Pauline Cilia vs L-Avukat Generali, 27 ta' Frar 2019).*
>
> *Terga' u tghid, it-talba tar-rikorrenti hija wiesgha vaga ghall-ahhar billi titkellem dwar "il-ligi tal-Money Laundering,* ***fosthom*** *il-Kap. 373 – L-Att dwar il-Money Laundering u l-Legislazzjoni Sussidjarja 373.01 – Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terrorizmu". Ghaldaqstant mhux talli r-rikorrenti mhix tidentifika l-Artikoli tal-Ligi lamentati, izda lanqas biss ma qieghda tispecifika b'mod cert il-ligijiet li qed tillanja minnhom;*
>
> *3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korp esponent umilment jissottometti illi r-rikorrenti ghandha rimedju ordinarju effettiv ghad-disposizzjoni taghha a tenur tal-Artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' ligi, izda anki fuq il-mertu tad-decizjoni tal-Korp. Sal-llum il-gurnata r-rikorrenti ghad ma intavolat ebda appell, pero' ghandu jinghad illi hija ghadha fit-terminu. Ir-rikorrenti ghandha l-obbligu illi tezawrixxi r-rimedji ordinarji kollha li ttiha l-ligi ordinarja qabel ma tirrikorri ghall-proceduri eccezzjonali bhal ma huma dawk odjerni. Ghaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta illi tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali u*

[9] Fol. 39 *et seq*.

*konvenzjonali taghha kif jikkontemplaw l-provisos tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva billi d-decizjoni tal-Korp esponent fil-konfront tar-rikorrent ghad mhijiex finali u ghad hemm l-imsemmi rimdeju tal-appell skont l-Artikolu 13A disponsibbli ghar-rikorrenti. Jekk dak l-appell issir, l-appell jinstema' mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bil-garanziji kollha relattivi u jista' jirrizulta fil-konferma, thassir jew varjazzjoni tas-sanzjoni imposta mill-Korp;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit illi in kwantu ghal-lanjanzi immirati lejn il-Ligi innifisha, il-Korp esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tieghu fil-parametri stabbiliti u determinati mill-Ligi u b'mod iimparzjali u iindipendenti minn kull entita' jew awtorita' ohra u f'dan is-sens il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Il-kwistjoni dwar jekk il-Ligi twassalx ghall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tigi mwiegba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Korp esponent;*

*6. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju, l-ebda disposizzjoni tal-Kap 373 jew tar-regolamenti sussidjarji u lanqas id-decizjoni tal-Korp jew is-sanzjoni amministrattiva konsegwenti, jew addirittura l-process amministrattiv li wassal ghall-istess, ma jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;*

*7. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra hawn sollevati, il-Kap 373 u r-regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk il-legislatur Malti huwa marbut bir-rekwiziti tal-istess fit-trasposizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni; f'dan ir-rigward wiehed ghandu jqis il-principju generali abbraccat mill-Qrati Ewropej illi l-Ligi Kommunitarja hija prezunta bhala konformi mad-drittijiet fondamentali u fi kwalsiasi kaz, japplika l-principju ta' supremazija tal-Ligi Kommunitarja. Fil-fatt l-inforzar tal-obbligi surreferiti huwa wkoll in linea mal-obbligi internazzjonali tal-Istat Malti, inkluz il-ligi Ewropea kif gia inghad u obbligi internazzjonali ohra inkluz ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, tal-European Banking Authority, il-Financial Action Task Force u l-MONEYVAL;*

*8. Illi minghajr pregudizzju, fil-premessi tar-rikors promotur, ir-rikorrenti ripetutament tallega ksur tad-drittijiet fondamentali rigward il-protezzjoni tal-propjeta' kif sanciti taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Kif inghad fl-ewwel eccezzjoni tal-esponent, ma hemm l-ebda talba f'dan ir-rigward, manadakollu ghal kull boun fini jigi sottomess illi ma sar ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanciti taht l-imsemmi Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;*

*9. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, dawk il-garanziji li japplikaw biss fil-kamp kriminali skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ma jsibux applikazzjoni fil-kaz odjern billi l-Korp esponent ma jaghmel l-ebda determinazzjoni ta' natura kriminali, izda jiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi;*

*10. Illi minghajr pregudizzju, il-process adoperat mill-Korp esponent huwa strettament amministrattiv u l-multa imposta mill-Korp hija wahda amministrattiva. Il-quantum tal-multa mhijiex l-unika kunsiderazzjoni li ghandha tigi meqjusa meta wiehed jigi biex iqis in-natura tal-multa. Fil-fatt hemm diversi fatturi ohra li ghandhom jigu konsidrati, inkluz il-fatt illi l-imsemmija multa la tista' twassal ghal restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-persuna, u lanqas tista' tigi riflessa fil-fedina penali ta' persuna. Inoltre s-sanzjoni hija intiza biss bhala deterrent u mhix ukoll punittiva, u ebda multa hekk imposta ma hija konvertibbli fi prigunerija. Il-quantum ghandu jigi konsidrat ukoll fil-kuntest tal-vjolazzjonijiet regolatorji kommessi u tan-natura tal-persuna suggetta relattiva; evidentement sabiex multa amministrattiva tkun effettiva, jehtieg illi jkun hemm element ta' proporzjonalita'. Dawn kollha huma fost varji fatturi importanti li jissottolineaw in-natura amministrattiva tas-sanzjoni in kwistjoni. Inoltre l-Kap 373 u r-regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bhala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali;*

*11. Illi fil-fatt ir-rikorrenti qeghda timmisrapprezenta s-sanzjoni imposta fuqha mill-Korp meta hija tirreferi ghall-azzjoni amministrattiva bhala "multa ai fini tal-Money Laundering" . Il-Korp ma jimponi ebda sanzjoni fejn ikun hemm reat ta' money laundering taht l-Artikolu 3 tal-Kap 373. F'dak il-kaz, l-akkuzat jitressaq quddiem il-Qrati Kriminali. Il-Korp jimponi sanzjonijiet* ***biss*** *rigwardanti l-obbligi regolatorji li Persuni f'Suggetti ghandhom bhala parti mill-obbligi taghhom rigward il-* ***prevenzjoni*** *ta' hasil ta' flus. Il-Korp m'ghamel ebda sejba fis-sens illi kien hemm hasil ta' flus ghaliex dik mhix il-mansjoni tieghu. Huwa merament ezamina l-operat u l-proceduri tar-rikorrenti biex jassigura konformita' regolatorja u impona s-sanzjoni relattiva wara determinazzjoni li r-rikorrenti kellha mankanzi regolatorji gravi;*

*12. Illi ghalhekk il-garanziji tal-kamp kriminali li qeghdha tipprova tinvoka r-rikorrenti ma jsibux applikabbilita' fil-kaz odjern u f'dan is-sens ma jista' ikun hemm ebda ksur tal-garanziji relattivi fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artifkolu 6 tal-Konvenzjoni in kwantu si tratta dwar proceduri ta' natura amministrattiva;*

*13. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 13A tal-Kap 373 jaghti rimejdu adegwat sabiex jigi assigurat id-dritt tas-smiegh xieraq. A tenur tal-imsemmi Artikolu 13A, il-persuna suggetta li fuqha tkun giet inflitta sanzjoni, ghandha opportunita' li tressaq il-kaz kollu taghha –* ***kemm fuq punti ta' fatti, u kif ukoll punti ta' ligi*** *– quddiem Qorti mwaqqfa bil-Ligi u moghnija bil-garanziji kollha*

*ta' indipendenza u iimparzjalita'. Dan ifisser li d-dettami tal-jedd ghal smiegh xieraq jinsabu pjenament sodisfatti. Ir-revizjoni tad-decizjoni tal-esponent mill-Qorti tal-Appell hija garanzija sufficjenti ta' smiegh xieraq fir-rigward tas-sanzjonijiet amministrattivi imposti mill-Korp. Ghalhekk ukoll ma jista' jirrizulta ebda ksur la tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;*

*14. Illi r-rikorrenti ghandha r-responsabbilita' li tirrikorri ghar-rimedji kollha taht il-Ligi ordinarja u mhux tippretendi illi n-nuqqas taghha milli taghmel dan b'xi mod jigi sanat b'xi rimedju eccezzjonali li tista' taghti din l-Onorabbli Qorti. Fuq kollox, meta din l-Onorabbli Qorti tqis il-Ligi lamentata, hija naturalment ghandha tqis ukoll ir-rimedju tal-appell skont l-Artikolu 13A bhala parti mill-process stabbilit mill-Ligi. Ghall-fini ta' smigh xieraq, il-process ghandu jigi konsidrat as a whole, u ghalhekk bl-inkluzjoni wkoll tar-rimedju tal-appell. Jekk ir-rikorrenti tonqos milli tintavola appell, hija ma tistax imbaghad tinsisti li r-regim regolatorju u l-process tal-Korp kisrilha d-drittijiet fondamentali taghha;*

*15. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, il-Korp esponent huwa enti independenti, awtonomu u iimparzjali. Inoltre l-Korp ghandu struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeciedi dwar il-ksur tal-obbligi legali mill-persuni suggetti u dwar l-imposizzjoni ta' mizuri amministrattivi, inkluz pieni amministrattivi, igawdi indipendenza u iimparzjalita', u mhux minnu li l-istess persuni qed jagixxu ta' prosekuzzjoni, gurija u mhallef fl-istess kaz, kif jallega r-rikorrent fir-rikors tieghu. Inoltre l-Korp esponent f'kull stadju ta lir-rikorrenti l-opportunita' shiha li tiddefendi ruhha u tressaq il-kaz taghha, kif fil-fatt kellha kull opportunita' li taghmel;*

*16. Illi r-rikorrenti tipprova tistrieh fuq gurisprudenza tal-Qorti Ewropea biex tinsisti li l-Korp agixxa ta' tribunal f'dan il-kaz u ghalhekk kellhom jigu sodisfatti l-garanziji kollha ta' smiegh xieraq. Fil-fatt il-kazistika tal-istess Qorti Ewropea tipprovdi bl-aktar mod car illi l-fatt li awtorita' jkollha poter investigattiv u poter li tiehu decizjonijiet u timponi sanzjonijiet, mhuwiex inkompatibbli mad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, sakemm ikun jezisti access shih ghall-qorti (vide per ezempju A Menarini Diagnostics S.R.L. vs Italy, Bendenoun vs France, Grande Stevens vs Italy). Dan huwa l-kaz anke jekk il-proceduri quddiem l-awtorita' ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiziti kollha tal-Artikolu 6(1). Id-dritt tal-appell taht l-Artikolu 13A jaghti appell shih quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), li ghandha gurisdizzjoni shiha u tista' thassar jew tbiddel id-decizjoni tal-Korp fuq kwalunkwe aspett, kemm fuq punt ta' ligi jew fatt;*

*17. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Korp esponent jagixxi bhala Regolatur a tenut tal-Kap 373 billi jissorvelja lill-Persuni Suggetti sabiex jassigura l-konformita' taghhom mal-obbligi regolatorji kollha relattivi li huma intizi sabiex l-imsemmija Persuni Suggetti ma jigux utilizzati minn terzi ghal-fini ta' hasil ta' flus jew finanzjar ta' terrorizmu. Dan huwa dover impost fuq il-Korp mil-Ligi*

*stess li jirrikjedi li l-Korp jimponi l-multi amministrattivi appoziti f'kaz ta' ksur tal-imsemmija obbligi. L-interess tal-Korp qua Regolatur huwa propju l-osservanza tal-disposizzjonijiet tal-Ligi u l-prevenzjoni ta' hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. Ghalhekk il-Korp esponent huwa ghal kollox independenti u iimparzjali in kwantu l-unika l-interess illi huwa ghandu huwa propju l-osservanza tal-Ligi;*

*18. Illi ghalhekk ukoll ma jistax jitqies illi kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;*

*19. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ebda disposizzjoni tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta jew tar-regolamenti susidjarji ma jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u l-Korp esponent fi kwalsijasi kaz mexa skont il-Ligi u ma wettaq ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ghalhekk l-allezzjonijiet rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*20. Illi in kwantu ghall-pubblikazzjoni tad-decizjoni tal-Korp, jigi bir-rispett sottomess illi tali pubblikazzjoni saret skont l-Artikolu 13C tal-Kap 373 u bl-ebda mod ma tilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, fi stat demokratiku, il-pubblikazzjoni tad-decizjoni bl-isem tal-persuna suggetta hija fl-interess pubbliku, partikolarment meta s-sanzjoni tkun konsiderevoli bhala ma hija dik in kwistjoni, li tindika nuqqasijiet gravi da parti tal-persuna suggetta koncernata;*

*21. Illi ghalhekk ukoll l-esponent ma jista' jigi dikjarat responsabbli ta' l-ebda danni fil-konfront tar-rikorrenti;*

*22. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi xi wahda mit-talbiet tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha (u dan qed jinghad purament ghall-grazzja tal-argument, billi l-Korp esponent jidhirlu illi t-talbiet ghandhom effettivament jigu michuda fl-interezza taghhom) allura f'dak il-kaz dikjarazzjonijeit ta' ksur ta' drittijiet fondamentali ghandha tkun sufficjenti u m'ghandux ikun il-kaz li l-Qorti tiffissa ebda kumpens jew danni;*

*23. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;*

*24. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti hija l-umli sottomissjoni tal-Korp esponent illi t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors kostituzzjonali imressaq mir-rikorrenti XNT Limited ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

5. B’risposta pprezentata fil-21 ta’ Ġunju 2022 l-Avukat tal-Istat wieġeb:

> *“1. Illi preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex il-kumpanija rikorrenti ma eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavolat din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, il-multa amministrattiva mogħtija mill-Korp Għall-Analiżi ta’ Iinformazzjoni Finanzjarja (FIAU) għadha tista’ tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-Artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-esponent jemmen li l-kumpanija rikorrenti għad għandha rimedju xieraq a disposizzjoni tagħha. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta’ sensiela ta’ sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta’ dawn l-Artikoli;*
>
> *2. Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jiġbed l-attenzjoni lill-kumpanija rikorrenti għall-fatt li fir-rikors promotur issemmi diversi drabi lill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u saħansitra tikkwota siltiet minnu, iżda mbagħad tali Artikolu ma jissemma’ mkien fit-talbiet. Għalhekk, l-esponent iqis li l-kumpanija rikorrenti għandha tirregola ruħha f’dan ir-rigward;*
>
> *3. Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-ilmenti kollha tal-kumpannija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u dan peress li l-ilmenti tagħha ma jmissux ma’ akkużi jew proċeduri kriminali. L-Artikoli 13 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 li qed jiġu attakkati mill-kumpannija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Fil-fatt, minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Korp intimat jista’ jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta’ tali pieni hija waħda kriminali. Għalhekk, il-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta sabiex tħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;*
>
> *4. Illi in linea preliminari u dejjem mingħajr preġudizzju, rigward it-tielet talba, hemm rikors b’urġenza li qed jitratta din l-istess talba u għalhekk l-esponent iqis li din għandha tiġi rtirata minn dan ir-rikors;*
>
> *Mertu*
>
> *5. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, it-talbiet fil-mertu tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda*

*ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*6. Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, il-Korp intimat huwa mogħni bis-setgħa li joħroġ pieni amministrattivi fil-konfront ta' min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus. Dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Korp intimat qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi reati kriminali;*

*7. Illi hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Fil-fatt, l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 isemmi li: "Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-Artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu."*

*8. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina - A verbis legis non est recedendum;*

*9. Illi l-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea biex wieħed jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw reat kriminali jew le. Dan qed jingħad għaliex it-test u l-implikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa għal kollox differenti minn dak tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*10. Illi b'referenza għall-Artikoli tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kap. 373, il-kumpannija rikorrenti trid, l-ewwel u qabel kollox, tipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Engel u oħrajn v. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "hard core of criminal law" u "cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law";*

*11. Illi l-esponent jenfasizza li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' "hard core of criminal law", allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew*

*<u>quddiem qorti</u>. Dan ifisser allura li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara <u>Jussila v. il-Finlandja</u> deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u <u>Hüseyin Turan v. It-Turkija</u> deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara <u>Janosevic vs. L-Isvezja</u> deċiża fil-21 ta' Mejju 2003);*

*12. Illi l-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara <u>Bendenoun v. Franza</u> tal-24 ta' Frar 1992). <u>Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji</u>, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, <u>id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)</u>, kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu;*

*13. Illi jibqa' l-fatt li peress li fil-każ preżenti għad hemm lok għal appell mid-deċiżjoni tal-Korp, għalhekk wieħed ma jistax jitkellem fuq sanzjonijiet fil-konkret iżda fuq konġetturi u dan m'għandux jiġi aċċettat;*

*14. Illi jibqa' jiġi ribadit li kwalunkwe piena amministrattiva li tista' teħel il-kumpannija rikorrenti, jekk kemm-il darba din tiġi kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, ma tistax titqies bħala piena eċċessiva jew sproporzjonata;*

*15. Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-Artikoli u r-regolamenti msemmija mill-kumpannija rikorrenti u kif tmexxa l-proċess investigattiv li wassal lill-Korp biex jieħu d-deċiżjoni fondata tiegħu, ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mir-rikorrenti u għalhekk ċertament li l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lill-kumpannija rikorrenti;*

*16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kumpannija rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali u għalhekk l-ebda forma ta' kumpens mhu dovut u dan bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija rikorrenti."*

## <u>Rikors għal Miżura Interim</u>

6. Kontestwalment mar-rikors promotur, il-kumpanija rikorrenti ppreżentat ukoll rikors b'urġenza fejn tenniet it-talba tagħha sabiex il-Qorti:

> *"tagħti ordni ad interim fis-sens illi tordna lill-FIAU biex tneħħi l-pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku tagħha tal-multa nflitta fuq is-soċjetà esponenti u dan samkemm jiġu deċiżi l-proċeduri kostituzzjonali ppreżentati kontestwalment ma' dan ir-rikors u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni."*

7. B'digriet mogħti fit-28 ta' Ġunju 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> *"Illi l-Qorti ghalhekk tqis li ghandha tilqa' t-talba sabiex jinhareg 'interim-order' u tordna lill-Korp ghall-Analizi ta' linformazzjoni Finanzjarja intimat sabiex b'mod immedjat mad-data ta' dan id-digriet, inehhi l-pubblikazzjoni minn fuq is-sit elettroniku tieghu tal-multa inflitta fuq is-socjeta' rikorrenti u dan sakemm jigu decizi b'mod finali l-proceduri kostituzzjonali odjerni."*

8. B'rikors tat-18 ta' Lulju 2022, l-FIAU appellat u talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"tħassar u tirrevoka d-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ta' nhar it-28 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet premessi, u tgħaddi għalhekk biex tiċħad it-talba tal-kumpanija appellata kif dedotta fir-rikors b' urġenza tagħha tal-14 ta' Ġunju 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kumpanija attriċi appellata."*

9. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Marzu, 2023 din il-Qorti ddikjarat null l-appell tal-FIAU billi sar mingħajr ma ntalab il-permess tal-Ewwel Qorti. Għalhekk, ma qisitux fil-mertu.

**<u>L-Appell.</u>**

10. Imbagħad fit-30 ta' Ġunju 2022 ir-rikorrenti appellat mid-deċiżjoni tal-FIAU (**XNT Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja**, 82/2022) skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373[10] u talbet lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) sabiex:

> *'tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni datata 9 ta' Ġunju 2022 fejn is-soċjetà appellanti ġiet infurmata illi l-Korp appellat sab numru żgħir ta' nuqqasijiet u fejn is-soċjetà appellanti, konsegwentement, ġiet mogħtija multa amminsitrattiva ta' €244,679."*

11. Dak l-appell għadu pendenti billi qed jistenna l-eżitu ta' din il-kawża.

## Is-Sentenza Appellata

12. Il-ġbir tal-provi ngħalaq fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2023[11] u, filwaqt li l-Qorti akkordat lill-partijiet il-fakoltà tan-noti, ħalliet il-każ għas-sentenza.

13. B'sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 2023 ["is-sentenza appellata"] il-Qorti tal-ewwel grad iddeċidiet imbagħad il-każ billi:

> *"1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Korp intimat kif ukoll tal-Avukat tal-Istat intimat kemm dawk preliminari kif ukoll dawk fil-mertu.*
>
> *2. Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti u tiddikjara li l-fatt illi l-ligi tal-Money Laundering cioe' il-Kap. 373 – L-Att dwar il-Money Laundering u l-Legislazzjoni Sussidjarja 373.01 – Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terrorizmu, f'dawk il-partijiet li jwasslu sabiex l-FIAU timponi hi stess pieni amministrattivi sostanzjali*

[10] Fol. 336, 401 et seq.
[11] Fol. 650

*fejn f'dan il-kaz l-istess FIAU imponiet multa ta' 244,679 Euro, jilledi d-drittijiet fundamentali taghha kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;*

*3. Tilqa' t-tieni talba tas-socjeta rikorrenti fejn talbet li din il-Qorti 'taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tirrevoka l-multa amministrattiva imposta fuq is-socjeta' esponenti' limitatament billi thassar id-decizjoni tal-Korp Intimat datata 9 ta' Gunju, 2022 (fol. 7 et seq tal-process) imsejha 'Sanction letter' inkluz l-imposizzjoni tal-multi msemmija fl-istess u konsegwentement dak kollu li segwa fl-appell milll-istess decizjoni u tordna li l-atti fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti jigu rinvijati lura fl-istadju qabel ma' dawn tressqu quddiem il-Kumitat ghall-konsiderazzjoni, decizjoni u l-imposizzjoni tal-multi. Ghandu ghalhekk jithassar sakemm ikun hemm decizjoni mod iehor minn entita iindipendenti u awtonoma, kwalunkwe accenn ghal dawk il-proceduri fil-web-site tal-Korp intimat. Il-kaz fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti ghandu jkompli jinstema' fil-mument li l-istat Malti jillegisla sabiex jikkostitwixxi entita' awtonoma w'iindipendenti sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz tas-socjeta' rikorrenti b'rispett u in ottemperanza mal-garanziji kollha ghal smiegh xieraq.*

*4. Tiddikjara t-tielet talba sorvolata.*

*Bl-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn l-intimati.*

*In vista li din il-Qorti sabet lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti rizultanti minn applikazzjoni ta' ligijiet vigenti tordna notifika tad-decizjoni odjerna lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament Malti mal-mument li ssir res judicata."*

## **<u>L-Appelli</u>**

14. Minn dik is-sentenza saru żewġ appelli, wieħed mill-Avukat tal-Istat u ieħor mill-FIAU, liema appelli ġew it-tnejn ippreżentati fit-2 ta' Awwissu 2023. Permezz tal-istess, kull wieħed mill-appellanti talab lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li tħassar is-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet minnhom sollevati u tiċħad it-talbiet rikorrenti fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.

15. Is-soċjetà appellata wieġbet illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma b'dan illi l-appelli tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrihom.

**Konsiderazzjonijiet**

L-Appell tal-FIAU

16. L-ewwel aggravju tal-FIAU hu dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni dwar l-allegata rritwalità u nullità tar-rikors pormotur minħabba inkonsistenza bejn il-premessi u t-talbiet.

17. F'dan ir-rigward il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu dawn:

> *"Illi huwa minnu li fir-rikors taghha s-socjeta' rikorrenti fl-ewwel lok taghmel referenza ampja ghall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u sahansitra tikkwotah. Huwa wkoll minnu li sussegwentemnt fl-ewwel talba taghha hija tallega ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mhux tal-Artikolu 37. Il-Qorti rat izda li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha s-socjeta' rikorrenti ghamlitha cara li hija qed tallega ksur tal-jedd ghal smigh xieraq fit-termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*
>
> *Il-Qorti rat ukoll minn qari tar-rikors promotorju li r-referenza ghall-Artikolu 37 saret da parti tas-socjeta' rikorrenti sabiex temfasizza li hija qed tikkunsidra l-multi mposti fuqha bhala wahda natura kriminali u b'hekk bl-intiza li ssahhah l-argument taghha li hemm lezjoni tal-jedd ghal smiegh xieraq. Il-Qorti rat ukoll li l-ewwel talba tar-rikorrenti tindika car l-Artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li qed tigi allegata l-ksur taghhom u dan konsegwenti ghal-imposizzjoni tal-multi mill-Korp intimat w'ghalhekk il-Qorti ser tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati f'dan is-sens."*

18. L-FIAU sostanzjalment jilmenta illi l-Ewwel Qorti żbaljat fejn assumiet li r-referenza għall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni saret biss biex ir-rikorrenti tenfasizza li l-multi mposti fuqha huma ta' natura kriminali. Jargumenta li dan mhux minnu billi fir-rikors promotur ir-rikorrenti espressament ilmentat minn ksur tal-Artikolu 37 – u mhux tal-Artikolu 39 – tal-Kostituzzjoni. Il-Korp appellant jilmenta wkoll illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li jissemma fil-premessi, u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li jissemma biss fl-ewwel talba, għandhom implikazzjonijiet differenti u għalhekk mhumiex interkambjabbli b'dan illi ma jistax jingħad illi l-allegata nkonsistenza fir-rikors promotur hija sanata bir-referenza għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Finalment, l-FIAU jżid jgħid li fil-mori tas-smigħ l-inkonsistenza bejn il-premessi u t-talbiet qatt ma ġiet indirizzata u għalhekk jinsisti li r-rikors promotur huwa null.

19. Da parti tagħha l-appellata wieġbet li fil-premessi tar-rikors promotur hija għamlet referenza għall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għaliex fis-subartikolu (2)(b) tiegħu jgħid li ebda ħaġa f'dak l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali. Issostni li għalhekk, dak l-artikolu huwa rilevanti għaliex juri li d-deprivazzjoni ta' possedimenti tista' ssir

b'konsegwenza ta' proċeduri ċivili jew kriminali. Tkompli mbagħad targumenta illi:

> *'Fil-każ in eżami la kien hemm proċeduri ċivili u lanqas kriminali pero sempliċement deċiżjoni amminsitrattiva totalment leżiva għad-dritt ta' smigħ xieraq. Però il-premessi huma dettaljati u t-talbiet huma ċari b' referenza ċara għall-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ossia l-Artikoli li jirreferu għal smigħ xieraq.'*

20. Sostanzjalment, ir-rikors promutur huwa mfassal hekk:

20.1. Fil-premessi, ir-rikorrenti llum appellanti targumenta li ma jistax ikun hemm piena mingħajr ma jkun hemm proċess quddiem Qorti ta' ġudikatura kriminali. F'dak il-kuntest tikkwota kemm l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni li jgħid illi ebda proprjetà ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju ħlief meta hemm dispożizzjoni tal-liġi li tiżgura li dak it-teħid ta' pussess jew akkwist isir għall-ħlas ta' kumpens xieraq li dwaru għandu jkun hemm jedd ta' dritt ta' aċċess għal qorti / tribunal indipendenti u imparzjali, u kif ukoll is-subartikolu (2) li *inter alia* jeskludi mill-ambitu tal-istess artikolu l-impożizzjoni ta' penali mposti għal / bħala konsegwenza ta' ksur ta' liġi sew jekk bi proċeduri ċivili / wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali. Tilmenta mbagħad li l-L.S. 373.01 effettivament jistabbilixxi piena mingħajr smigħ xieraq '*bi ksur kemm tal-Artikolu 37 ta' Kostituzzjoni hawn fuq ċitat u kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea'*;

20.2.*Inter alia,* talbet imbagħad lill-Qorti:

*"1. Tiddikjara li l-fatt illi l-liġi tal-Money Laundering, fosthom il-Kap. 373 – L-Att dwar il-Money Laundering u l-Legislazzjoni Sussidjarja 373.01 – Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terrorizmu, tippermetti lill-FIAU timponi pieni amministrattivi sostanzjali u l-fatt illi f'dan il-każ l-istess FIAU imponiet multa ta' 244,679 Euro dan jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;*

21. Hu fatt li l-ilment tar-rikorrenti kif spjegat fir-rikors promotur hu dwar in-nuqqas ta' smigħ xieraq quddiem Qorti ta' ġudikatura kriminali. Hu fatt ukoll li fil-premessi tar-rikors promotur ir-rikorrenti m'għamlitx referenza għall-Art. 39 tal-Kostituzzjoni iżda għall-Art. 37 tal-Kostituzzjoni. Kien biss fl-ewwel talba li għall-ewwel darba semmiet l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

22. Madankollu, l-aggravju tal-FIAU hu fieragħ ġialadarba hu ċar kristall li l-ilment tar-rikorrenti hu li ma ngħatatx smigħ xieraq mill-FIAU ġialadarba dik l-awtorita' mhijiex qorti. Li tinvoka eċċezzjoni li r-rikors promotur hu null għaliex fil-premessi saret referenza għall-Art. 37 minflok l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni mhuwiex floku u ma seta' qatt iwassal għan-nullità tar-rikors promotur. Fir-rikors hu spjegat b'mod ċar x'inhu l-ilment tar-rikorrenti, irrispettivament jekk fil-premessi issemmiex espressament l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti ilmentat:

- *"Illi pero' huwa prinċipju sanċit u protett kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jistax ikun*

*hemm piena mingħajr ma jkun hemm proċess mismugħ minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali".*

- *"Illi dak li effettivament jistabbilixxi l-avviż legali hawn fuq ċitat (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01) huwa li jistabbilixxi piena li tiġi imposta mill-FIAU mingħajr smigħ xieraq".*
- *"Illi apparti minn hekk il-proċess li wassal għad-deċiżjoni meħuda mill-FIAU li jippenalizzaw lis-soċjeta esponenti f'din il-multa huwa totalment nieqes mill-garanziji ta' smigħ xieraq .....".*
- *"..... In effetti meħud in konsiderazzjoni in-natura tal-proċeduri u s-severita' tal-piena żgur illi multa ai fini tal-Money Laundering tikkwalifika bħala piena kriminali u allura l-proċeduri li jwasslu għal tali piena għandu jkollhom il-garanziji kollha ta' smigħ xieraq".*
- *"Illi apparti minn hekk skont ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, awtorita' li tingħata l-poter li tagħti deċiżjoni hija fiha nnifisha tribunal għal finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u allura trid tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' smigħ xieaq".*

23. Li l-Korp jipprova jieħu kapital mill-fatt li fil-premessi r-rikorrenti ma semmitx l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni hu skorrett.

24. Għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju u fl-istess ħin tiddikjara li hu fieragħ.

25. Fit-<u>tieni aggravju</u> l-FIAU jilmenta illi s-sentenza appellata hija wkoll żbaljata fejn ċaħdet il-ħames eċċezzjoni li biha qal li mhuwiex <u>leġittimu kontradittur</u>.

26. Fir-rigward, il-motivazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu dawn:

> *"Il-Korp intimat jeccepixxi li mhux il-legittimu kontradittur. Il-Qorti rat li permezz tal-kawza odjerna s-socjeta' rikorrenti qed tattakka l-mod kif il-Korp intimat mexxa l-investigazzjoni u l-process li wassal ghad-decizjoni fil-konfront tieghu u l-imposizzjoni tal-multi fejn tallega li agixxa bi ksur tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni stante li il-piena giet imposta mill-istess entita' li nvestigat*

*minghajr mal-process gie mismugh bil-garanziji ghal smiegh xieraq. Evidentement l-ezitu tal-proceduri odjerni jaffettwa l-operat tal-Korp intimat u f'dan is-sens huwa wkoll legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Il-Qorti sejra ghalhekk tichad din l-eccezzjoni."*

27. L-FIAU jinsisti illi, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, it-talba tar-rikorrenti timmira l-liġi nnifisha u huwa ma jistax iwieġeb għal hekk.

28. Dwar min għandu jwieġeb f'kawżi ta' natura kostituzzjonali ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **<u>Oliver Agius vs. L-Onorevoli Prim'Ministru</u>**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Settembru, 2016 fejn ingħad:

*"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradituri f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;"*[12]

---

[12] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet: **Jeffrey Cassar v. L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**, deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju 2024; **Joseph Lebrun v. L-Avukat Ġenerali et** deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju 2024

29. It-tieni talba tar-rikors promotur hi sabiex il-Qorti, *"2)...... tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tirrevoka l-multa amministrattivba imposta fuq is-soċjeta esponenti"*.

30. Apparti li l-preżenza tal-FIAU fil-kawża tah l-opportunità sabiex iressaq l-argumenti tiegħu fir-rigward ta' dak li jolqot dmirijiet u funzjonijiet prinċipali kollha tiegħu, il-piena amministrattiva fl-ammont ta' €244,679 ġiet imposta mill-FIAU. Għalhekk altru milli l-Korp hu leġittimu kontradittur għall-finijiet ta' dik it-talba.

31. Tiċħad it-tieni aggravju.

32. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-FIAU jilmenta li s-sentenza appellata hi żbaljata fejn ċaħdet it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tiegħu dwar ir-<u>rimedju ordinarju u l-intempestività</u>.

33. Fir-rigward il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu dawn:

> *"Illi din il-Qorti tqis li m'ghandiex ghalfejn ittawwal wisq fuq din l-eccezzjoni. Ir-rimedji ordinarji alternattivi li qed isostnu l-intimati huma dawk ta' dritt ta' appell tar-rikorrenti fil-mertu tal-kaz u fuq il-multa mposta quddiem il-Qorti tal-Appell. Fil-kaz odjern is-socjeta' rikorrenti qed tallega ksur tal-jeddijiet fundamentali taghha liema allegazzjonijiet skont il-ligi jigu mistharrga minn din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha u konsegwentement mill-Qorti Kostituzzjonali f'kaz ta' appell. Johrog car li t-talbiet odjerni sabiex jigi dikjarat ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent ma jistghux jitressqu quddiem il-Qorti*

> *tal-Appell b'dana li allura l-eccezzjoni tan-non ezawriment tar-rimedji ordinarji tfalli. Tfalli wkoll l-eccezzjoni tal-intempestivita'. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll dawn l-eccezzjonijiet."*

34. L-FIAU jilmenta illi r-rimedju li jagħti l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 huwa wieħed xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat billi jista' jwassal għat-tħassir tad-deċiżjoni minnu meħuda. Jgħid li f'kull każ, l-eċċezzjoni dwar ir-rimedju ordinarju ġiet imressqa b'mod separat u distint mill-eċċezzjoni dwar l-intempestività u għalhekk, f'każ li l-Qorti jidrilha li għandha teżerċita l-poteri kostituzzjonali / konvenzjonali tagħha, xorta għandu jirriżultalha li l-azzjoni hija intempestiva billi l-imsemmi rimedju għadu ma ġiex eżawrit għaliex il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell għadhom pendenti.

35. Skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 kull min irid jilmenta minn piena amministrattiva li tiġi imposta mill-Korp appellant li tkun ta' iktar minn €5,000, għandu jedd jappella quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) fi żmien 20 jum mid-data tal-għoti tal-piena amministrattiva.

36. Ir-rikorrenti rrikorriet għal dak ir-rimedju fit-30 ta' Ġunju 2022 bl-appell bin-numru 82/2022 fl-ismijiet **XNT Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja**. Dan ovvjament għaliex ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Korp u ma riditx tieħu r-riskju li jsir xi argument li kellha rimedju ordinarju u m'għamlitx użu minnu.

37. F’dawn il-proċeduri iżda, l-ilment tar-rikorrenti jmur lil hinn minn hekk għaliex qiegħda timpunja wkoll dispożizzjonijiet tal-Kap. 373 u tal-L.S. 373.01 u tilmenta li l-proċess amministrattiv li wassal għall-multa appellata ma ħarisx il-jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq protett taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (l-ewwel talba). Dispożizzjonijiet li skont ir-rikorrenti kellhom japplikaw f’kull stadju tal-proċess għaliex hemm involut ‘reat kriminali’ / ‘*criminal charge’*. Għalhekk, il-fatt li skont il-liġi min qiegħed fil-pożizzjoni tar-rikorrenti għandu jedd li jappella quddiem qorti, mhuwiex biżżejjed.

38. F’dan il-każ għadu mhux magħruf jekk l-appell tar-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) huwiex ser jintlaqa’, u b’hekk titħassar id-deċiżjoni tal-Korp, jew huwiex ser jiġi miċħud. Dan għaliex il-Qorti tal-Appell stess għażlet li tistenna l-eżitu ta’ dawn il-proċeduri qabel tkompli tisma’ l-appell quddiemha. Għalhekk, kuntrarjament għal dak pretiż mill-FIAU, il-fatt li l-appell amministrattiv għadu pendenti ma jrendix dawn il-proċeduri ntempestivi, kif minnu eċċepit permezz tar-raba’ eċċezzjoni[13].

39. F’kull każ, fejn l-Ewwel Qorti tkun iddeċidiet li teżerċita l-poter tagħha taħt l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 billi tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti fil-meritu, dik id-diskrezzjoni m’għandhiex

[13] Fol. 40

faċilment tiġi mittiefsa fl-istadju tal-appell, <u>speċjalment fejn l-Ewwel Qorti tkun sabet ksur</u> ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif hawn il-każ.

40. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mhijiex tal-fehma li hemm bażi sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni li eżerċitat l-ewwel qorti. Għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju.

41. Ir-<u>raba' aggravju</u> tal-FIAU huwa li s-sentenza appellata hija wkoll żbaljata fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tiegħu referibbli għall-fatt li s-soċjetà rikorrenti <u>naqset milli tidentifika d-dispożizzjonijiet legali allegatament leżivi</u> u l-fatt illi hija ressqet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti <u>talba vaga</u> li ma setgħetx tiġi milqugħa.

42. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar l-imsemmija eċċeżżjoni kienu dawn:

> *"Illi effettivament fir-rikors promotorju taghha s-socjeta' rikorrenti tindika l-Artikolu 13 tal-Kap 373, l-Att dwar il-Money Laundering u l-Artikolu 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 373.01, Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjarji ta' Terrorizmu bhala s-sors li jwassal ghall-ksur tal-jeddijiet fundamentali taghha. Illi waqt is-smiegh tal-kaz odjern rrizulta li dak li effettivament qed tattakka s-socjeta' r-rikorrenti huwa l-ezercizzju tal-poter tal-Korp intimat kif moghti lilu mil-ligi li jimponi multi amministrattivi mhux zghar billi fl-ewwel lok hu stess jinvestiga lill-entita koncernata u hu stess jiddeciedi jekk hemmx il-htija u jimponi l-multa. Dan il-poter tal-Korp intimat johrog mill-assjem tal-ligi kollha kif miktub u mhux minn qari ta' xi Artikolu partikolari allura jirrizulta li r-rikorrenti ghamlet sew li ndikat il-Kap. 373 kollu u wkoll il-Legislazzjoni Sussidjarja 373.01 shiha stante li huwa l-ezercizzju shih tal-operat tal-Korp intimat li qed jigi attakkat bhala li huwa fi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll dawn l-eccezzjonijiet."*

43. L-FIAU jilmenta li fir-rikors promotur saret biss referenza għall-Artikolu 13 tal-Kap. 373 u tar-regolament 21 tal-L.S. 373.01 fit-tieni premessa. Jinsisti iżda li ma jinsabx hemm indikat li dawk huma d-dispożizzjonijiet tal-liġi mertu tal-ilment u fil-fatt ma saret ebda referenza għal dawk id-dispożizzjonijiet fit-talbiet. Jargumenta għalhekk li dak deċiż mill-Ewwel Qorti huwa rregolari.

44. Minn qari tar-rikors promotur jirriżulta ampjament ċar li l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett lejn id-deċiżjoni maħruġa mill-Korp appellant *a tenur* tal-Artikolu 13 tal-Kap. 373 u tar-regolament 21 tal-L.S. 373.01. Neċessarjament allura, dawk huma l-artikoli tal-liġi li prinċipalment ir-rikorrenti qiegħda tilmenta dwarhom.

45. Issa verament li fl-ewwel talba tagħha r-rikorrenti talbet dikjarazzjoni fis-sens illi hija ġarrbet ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha bil-multa li l-FIAU imponitilha bis-saħħa tal-‘*liġi tal-Money Laundering, fosthom il-Kap. 373 – l-Att dwar il-Money Laundering u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 – Regolamenti Kontra Money Laundering u Finanzjar ta’ Terroriżmu’,* u allura mingħajr ebda referenza speċifika għall-Artikolu 13 tal-Kap. 373 u għar-regolament 21 tal-L.S. 373.01. Dan iżda ma jrendix ir-rikors promotur irritwali u null *a priori*, kif isostni l-Korp.

46. Għaldaqstant, tiċħad ukoll ir-raba’ aggravju.

47. Il-ħames aggravju tal-FIAU huwa li s-sentenza appellata tikkontjeni żball billi nstab ksur mingħajr ma ġie speċifikat liema artikoli speċifiċi tal-Kap. 373 u tal-L.S. 373.01 huma allegatament leżivi. Tgħid li dan iwassal għal sitwazzjoni ta' nċertezza u rregolarità fis-sentenza.

48. Il-Qorti m'għandhiex bżonn tagħmel konsiderazzjonijiet dwar dan l-aggravju minħabba dak li ser jingħad dwar il-meritu.

49. Is-sitt aggravju tal-FIAU huwa dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li laqgħet l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti u sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u wkoll tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u dan wara li b'applikazzjoni tal-*Engel Criteria*, erronjament iddeterminat illi s-sanzjonijiet imposti mill-FIAU huma ta' natura penali u li għalhekk japplikaw il-garanziji kollha ta' smigħ xieraq, inkluż dawk applikabbli biss fid-dritt penali.

50. Permezz tas-seba' aggravju l-FIAU jilmenta mbagħad li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ukoll żbaljata fejn sabet illi l-Kap 373 u r-Regolamenti jilledu d-drittijiet fondamentali tas-soċjetà appellata kif sanċiti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni billi ddeterminat jekk il-kwistjoni hijiex ta' natura penali abbażi tal-Engel Criteria – test li mhuwiex applikabbli għar-reġim kostituzzjonali.

51. Finalment, permezz tat-tmien aggravju tiegħu l-FIAU jilmenta illi s-sentenza appellata hija żbaljata fejn sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni wkoll għaliex, filwaqt li straħet fuq l-*Engel Criteria*, naqset milli tiddistingwi bejn każijiet li jaqgħu taħt il-"*hard core of criminal law*" u "*cases not strictly belonging to the traditional categories of criminal law*". Distinzjoni li skont l-FIAU kellha twassal għall-konklużjoni illi fil-fatt ma kienx hemm ksur.

52. Billi s-sitt, is-seba' u tmien aggravji tal-FIAU huma konnessi, sejrn jiġu meqjusa f'daqqa.

53. Fil-meritu, il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti kienu dawn:

> *"Illi fil-mertu fl-ewwel lok din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjoni recenti tal-Prim'Awla Tal-Qorti Civili fis-sezzjoni Kostituzzonali taghha datata 24 ta' Mejju, 2023 (175/2022) fl-ismijiet* ***Insignia Cards Liited vs. l-FIAU u l-Avukat tal-Istat*** *fejn dwar ilmenti simili relattivi ghall-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni inghad kif isegwi:*
>
> > *'17. Sorvolati dawn il-kwistjonijiet preliminari, il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tal-ilment li qiegħed jitressaq quddiemha mis-soċjetà rikorrenti. Tagħraf li permezz tal-ewwel talba tagħha, hija qegħda tippretendi li din il-Qorti tiddikjara li l-Artikoli 12A u/jew 13 u/jew 13A u/jew 13B, 13Ċ u/jew 18 u/jew 19 tal-Kap. 373, flimkien mar-regolament 21 tar-Regolamenti jiksru d-drittijiet fundamentali tagħha hekk kif protetti mis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew is-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.*
>
> *18. Is-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jgħid illi:*
>
> > *"39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti iindipendenti u iimparzjali mwaqqfa b'liġi."*

*19. Is-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kif traspost fil-liġi Maltija permezz tal-Kap. 319 jipprovdi kif ġej:*

> *"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ iimparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal iindipendenti u iimparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

*20. Sabiex dawn id-disposizzjonijiet appena ċitati jistgħu jitqiesu li huma applikabbli fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, għandu jirriżulta proċess fejn hija ġiet akkużata u nstabet ħatja ta' reat kriminali. Permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi li l-ilmenti kollha tas-soċjetà rikorrenti ma jistgħux jitqiesu fil-parametri tas-subartikolu 39(1) tal- Kostituzzjoni, filwaqt li ma jsemmi xejn dwar l-applikabbilità tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u dan jgħid għaliex l-Artikoli kollha tal-liġi u r-regolament tal- liġi sussidjarja li qegħdin jiġu attakkati mis-soċjetà rikorrenti, ma jagħtux lok għal determinazzjoni ta' reat jew ta' akkuża kriminali.*

*21. Il-Qorti hawnhekk mill-ewwel tirrileva li t-terminoloġija adoperata mis- subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni suċitat, issib interpretazzjoni wiesgħa mill- Qorti Ewropea, fejn din tikkunsidra li t-tifsira għandha tkun waħda awtonoma u oġġettiva minn dik li tirriżulta fil-liġi domestika. B'hekk l-Istati Membri ma jistgħux b'mod arbitrarju iwarrbu l-protezzjoni tal-garanziji li joffri dan is- subartikolu liċ-ċittadin permezz ta' terminoloġija li ma tirriflettix ġustament l-import tal-liġi. Għalhekk il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat ma jistgħux jirnexxu f'dan ir-rigward, u lanqas ma jista' jiġi aċċettat l-argument tal-Korp intimat miġjub permezz tas-seba' eċċezzjoni tiegħu, li skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea s-sanzjonijiet in kwistjoni huma amministrattivi u mhux penali. L-istess il-Qorti Kostituzzjonali tagħna, wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XIV tal-1987, bdiet tagħti interpretazzjoni wiesgħa tat-terminoloġija użata fis- subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, sabiex b'hekk is-seba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat ma tiswiex għaliex din għandha tiġi mistħarrġa fid-dawl tal- insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali.*

*22. Fil-każ ta' Engel il-Qorti Ewropea identifikat tliet kriterji li għandhom jiġu eżaminati sabiex jiġi stabbilit jekk tassew l-akkuża hijiex waħda ta' natura kriminali jew le. Dawn il-kriterji baqgħu jiġu applikati minn dik il-Qorti u anki sussegwentement ġew addottati mill-Qorti Kostituzzjonali tagħna. Dawn huma s-segwenti: (a) il-klassifikazzjoni tal-akkuża skont il-liġi domestika; (b) in-natura tar-reat; u (ċ) in-natura u s-severità tal-piena li tista' tiġi mposta.*

*23. Applikat l-ewwel kriterju stabbilit mill-Qorti Ewropea għall-fatti tal-każ odjern, il-Qorti tagħraf li d-disposizzjonijiet tal-liġi li fir-rigward tagħhom is- soċjetà rikorrenti qegħda tressaq l-ilment tagħha, ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu fil-kamp tal-liġi kriminali, għaliex mill-qari tagħhom huwa ċar li dawn huma ntiżi sabiex jirregolaw l-attività tal-persuna suġġetta mil-lat amministrattiv. Hekk ukoll hija tal-fehma l-Qorti għal dak li jirrigwarda t-tieni kriterju, li jikkonċerna n-natura tal-allegati offiżi, li għalhekk tqis li jikkostitwixxu ksur ta' obbligi ta' natura amminstrattiva. Iżda huwa proprju meta jiġi applikat it-tielet kriterju għall-każ odjern, li l-ilment tas-soċjetà rikorrenti isib sostenn. Skont l-insenjament tal-Qorti Ewropea, jekk multa hija ntiża bħala deterrent u sabiex timponi kastig fuq il-ħati, din għandha tiġi kkunsidrata bħala piena kriminali u b'hekk il-proċeduri fejn dik il-piena kriminali tiġi mposta huma soġġetti għall- garanziji li joffri l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

*24. Hawnhekk ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet* ***Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et***

> *"Applikati dawn il-prinċipji għall-offiża taħt Kap. 379, din il-qorti tagħraf illi l-waqt li l-liġi Maltija (Kap. 379) tikklassifika din l-offiża bħala waħda ta' natura amministrattiva, in-natura tar-reat u n-natura u severità tal-piena tagħti bixra totalment diversa lill-offiża, b'mod li ma tistax ma titqiesx bħala waħda ta' natura kriminali. In fatti dan joħroġ ċar meta wieħed jeżamina l-aspettattivi tal-piena mogħtija għall-offiżi taħt il-Kap. 379 fid-dawl ta' paragrafu 47 tal-każ* ***Bendenoun v. France****:*
>
> *i) illi l-Kap. 379 japplika liċ-ċittadini kollha u mhux lil xi grupp speċifiku; ii) il-multa mhijiex intiża għal kumpens pekunarju għal dannu soffert, iżda kienet essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent; iii) il-multa kienet imposta b'regola ġenerali bi skop punittiv u li jservi ta' deterrent; iv) illi l-multa kienet waħda ta' entità konsiderevoli. Meħuda in konsiderazzjoni dawn l-aspettattivi, din il-qorti ma tistax ma takkoljix l-insenjament tal-ECHR meta kkonkludiet fil-każ ta'* ***Bendenoun v. France****:*
>
> *"Having weighed the various aspects of the case, the Court notes the predominance of those which have a criminal connotation. None of them is decisive on its own, but taken together and cumulatively they made the 'charge' in issue a 'criminal' one within the meaning of article 6 § 1 ...".*

*25. Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Ottubru, 2018, fl-ismijiet* ***Rosette Thake noe et vs. Kummissjoni Elettorali et****, fejn il-Kummissjoni Elettorali bħal fil-każ tal- Kumitat, imponiet multa amministrattiva fi proċeduri li r-rikorrenti allegaw kienu jiksru d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali rritjeniet:*

> *"62. Fit-tieni lok, din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konklużjoni raġġjunta mill-Ewwel Qorti li l-massimu tal-multa amministrattiva li tista' timponi l-Kummissjoni huwa wieħed inġenti u huwa intiż sabiex iservi ta'*

*piena għal min jikser l-obbligi tiegħu taħt l-Att u huwa wkoll ta' deterrent billi għandu l-għan li jipprevjeni aġir vjolattiv tal- Att. Għalhekk il-multa fil-livell massimu tagħha kontemplata fil-liġi ma tistax titqies bħala riżarċiment tad-danni jew bħala multa purament amminstrativa. Fir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-każistika, lokali u ewropea, ċitata in extenso mill- ewwel Qorti, u tosserva li fid-determinazzjoni tal-punt jekk multa amministrattiva għandhiex in-natura ta' piena, ma jiddependix min-nomenklatura li tingħata fil-liġi domestika, iżda tiddependi wkoll minn natura u mis-severità tal-multa.*

*63. Kif osservat din il-Qorti fil-każ* ***Angelo Zahra vs Prim Ministru****, ċitata fis-sentenza appellata, "hemm każijiet fejn il-multa amministrattiva tant tkun severa li tikkwalifika bħala penali għax tenut kont tas-severità tagħha titqies derivanti minn akkuża kriminali għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzjoni". Ukoll kif osservat mill-Qorti Ewropea fil-każ* ***Ezeh and Connors v. the United Kingdom*** *ċitata b'approvazzjoni minn din il-Qorti fil-każ* ***Federation of Estate Agents****:*

> *"the very nature of the offence is a factor of greater import.....However, supervision by the Court .... Would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring..".*

*64. Fil-każ odjern il-multa m'hijex intiża li tirrappreżenta kumpens pekunjarju għal dannu soffert, iżda hija essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent, imposta bi skop punittiv u li isservi ta' deterrent. Għaldaqstant ladarba l-multa amministrattiva għandha n-natura penali titqies li tirriżulta minn akkuża kriminali, b'mod li allura jiskatta d-dritt kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu ..... jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli minn qorti iindipendenti u iimparzjali imwaqqfa b'liġi". Il-kliem tal-liġi huwa ċar li każ ta' akkuża ta' reat kriminali għandu jinstema' minn "qorti" biss u minn ebda organu ieħor u dan mill-bidu nett tal-proċeduri. Dan joħroġ aktar ċar mid-diċitura tas-subinċiż [2] tal-istess Artikolu fejn il-liġi ssemmi mhux biss "qorti" iżda kuntrarju għas-subinċiż [1] isemmi wkoll "awtorità oħra ġudikanti." Dan ikompli jsaħħaħ it-teżi tal-attur li fil-każ odjern fejn il-multa għandha titqies bħala penali derivanti allura minn akkuża b'reat kriminali, il-liġi bażika tal-pajjiż tesiġi li sa mill-bidu nett is-smigħ tal-każ jibda milli jsir quddiem "qorti" u l-Kummissjoni mhijiex "qorti" fis-sens klassiku tal-kelma.*

*...*

*67. Rigward id-dirtt mogħti mill-Att li fiż-żmien tletin ġurnata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tiġi kontestata quddiem il-qrati ordinarji ċivili u eventwalment quddiem il-Qorti tal-Appell, din il-Qorti tosserva li, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, dan ma jinnewtralizzax u ma jissanax l-anti-kostituzzjonalità*

> *tal-proċeduri quddiem il-Kummissjoni, stante li d-dritt kontemplat fis-subinċiż 1 tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jiskatta minn meta persuna tiġi akkużata b'reat kriminali quddiem il-Kummissjoni u għandu tipperdura sakemm jiġu finalizzati l-proċeduri kontra tagħha, u mhux minn meta l-Kummissjoni tkun ġia waslet għad-deċiżjoni tagħha!".*

*26. Minn dak li stqarret il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha appena ċitata, joħroġ ċar li ġaladarba multa hija ntiża sabiex isservi ta' piena imma anki ta' deterrent fil-konfront tal-persuna li allegatament tkun kisret l-obbligi tagħha, din ma tistax tiġi kkunsidrata iktar bħala multa amministrattiva, u jistgħu jiġu invokati d-drittijiet imfissra fis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u fis- subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*27. Fil-każ odjern, jirriżulta mid-disposizzjonijiet tal-para. (b) tas-subartikolu 13(1) tal-Kap. 373, fejn il-pieni amministrattivi jistgħu saħansitra jkunu fil- massimu ta' ħames miljun Euro, li l-ħsieb tal-leġislatur kien sabiex jipprovdi għal mekkaniżmu fil-liġi li jservi kemm ta' deterrent fuq il-persuni suġġetti li għalihom tapplika dik il-liġi, imma anki ta' piena f'każ li l-persuna suġġetta tinstab mhijiex konformi mal-obbligi tagħha kif imfissra taħt dik il-liġi jew taħt xi regolamenti li jkunu ġew magħmula mill-Ministru responsabbli. L-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu jammetti li d-deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha "effetti serji" fuq is-soċjetà rikorrenti. Tassew tgħid il-Qorti, dan jista' jagħti lok għall-possibilità ta' impożizzjoni ta' piena amministrattiva eżaġerata u forsi anki nġusta f'każ ta' ksur mhux daqstant sinifikanti, u huwa proprju sabiex kull aġir arbitrarju min-naħa tal-Korp intimat jitrażżan, li ċ-ċittadin għandu jkollu l-protezzjoni tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tas- subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*28. Tikkunsidra li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha suċitata qieset ukoll jekk id-dritt ta' appell mogħti mil-liġi quddiem il-qrati ordinarji, u sussegwentement quddiem il-qorti tal-appell, kellux is-saħħa li jissana l-anti-kostituzzjonalità tal-proċeduri quddiem il-Kummissjoni. Iżda fil-fehma tagħha dan ma setax ikun għaliex id-dritt garantit permezz tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni kien jiskatta hekk kif persuna tiġi akkużata b'reat kriminali quddiem il-Kummissjoni sakemm jiġu finalizzati l-proċeduri ntavolati quddiemu, u mhux wara li din tkun iddeċidiet l-każ quddiemha. Applikat dan l-insenjament, il-Qorti tikkunsidra li fil-kuntest speċifiku tal-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti kellha tiġi assigurata d-drittijiet fundamentali tagħha għal smigħ xieraq ai termini tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, saħansitra fl-istadju tal-proċeduri quddiem il-Kumitat, li waqt dawn il-proċeduri rriżulta li huwa kompost mid-Direttur u mid-Deputat Direttur, u mill-impjegati tal-Korp intimat stess li jkun wettaq eżami ta' konformità u anki eżerċizzju ta' infurzar fil-konfront tal-persuna suġġetta. Hawnhekk ma jistax jonqos li l-Qorti tirrileva li l-Korp intimat stess kif jirriżulta mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 373 m'għandu l-*

*ebda awtonomija, għaliex kif sewwa tirrileva s-soċjetà rikorrenti, il-membri tal-Bord tiegħu huma magħżulin mill-Ministru tal-Finanzi għal perjodu qasir ta' tliet snin u mħallsa skont dak li jistabbilixxi l-istess Ministru. Jirriżulta wkoll lil din il-Qorti li s-soċjetà rikorrenti ġiet mitluba tippreżenta dik id-dokumentazzjoni ndikata lilha mill-Korp intimat fejn tgħarraf li fin-nuqqas hija kienet ser tkun suġġetta għas-sanzjonijiet relattivi skont ir-regolament 15 tal-L.S. 373.01. Dan matul proċess li l-istess Korp intimat jiddeskrivi bħala eżami ta' superviżjoni, iżda li attwalment jixbah iktar eżerċizzju ta' investigazzjoni fl-operat tas-soċjetà rikorrenti min-naħa tas-sezzjonijiet ta' supervizjoni u ta' infurzar tal-Korp appellat. Il-fehma ta' din il-Qorti tistrieħ sew fuq il-mod kif inhi imfassla l-potential breaches letter, fejn is-soċjetà rikorrenti fost affarijiet oħra ġiet mgħarrfa li l-eżami in kwistjoni seħħ bl-assistenza ta' esperti esteri maħtura ai termini tal-Kap. 373, fatt li ċertament kellu jiġi kkomunikat lilha sa mill-bidunett tal-investigazzjoni fin-notification letter sabiex tħejji ruħha aħjar fil-konfront ta' dak li kien ser jiġi mitlub minnha waqt l-istess investigazzjoni, jekk tassew kellha tiġi assigurata l-parità tal-armi. Il-Qorti tirrileva li saħansitra l-aħħar linja tal-potential breaches letter, fejn jingħad li "[t]he FIAU would like to make it clear that the contents of this letter are without prejudice to any other regulatory action that may be taken against Insignia Cards Limited for breach of the PMLFTR and the Implementing Procedures", hija indikattiva tan-natura tal-proċess eżegwit, jiġifieri tabilħaqq dik ta' investigazzjoni iktar milli ta' superviżjoni. Huwa evidenti wkoll minn dik l-ittra, li f'dak l-istadju l-każ tas-soċjetà rikorrenti kien ser jitressaq quddiem il-Kumitat sabiex dan jiddelibera u jiddeċiedi dwar ir-riżultat tal-eżami tal-konformità u dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi jekk ikun il-każ. Għaldaqstant anki f'dak l-istadju, is-soċjetà rikorrenti setgħet tinvoka d-drittijiet fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif deċiż mill-Qorti, Ewropea fil-każ ta'* ***Foti*** *deċiż fl-10 ta'Diċembru, 1982, fejn ingħad li:*

> *"[w]hilst 'charge', for the purposes of Article 6 para. 1, may in general be defined as 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence', it may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect".*

*28. Barra minn hekk il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-fatt kif jirriżulta mill-imsemmija potential breaches letter, li għal xi raġuni l-Korp intimat għażel li jagħmel l-eżami ta' konformità wara li f'Lulju 2017 huwa kien eżegwixxa eżami ieħor, fatt li jindika li l-Korp intimat ma kienx sodisfatt għal kollox bl-ewwel eżami, u xtaq li jagħmel eżami iktar approfondit tal-operat tas-soċjetà rikorrenti. Meħud ukoll in konsiderazzjoni dan il-fatt, il-Qorti tgħid li dik id-dokumentazzjoni mitluba waqt it-tieni eżami ta' konformità setgħet saħansitra twassal ukoll għall-inkriminazzjoni tas-soċjetà rikorrenti, kif fifatt ġara meta sabet ruħha rinfaċċata b'piena amministrattiva ta' €373,670 li kellha titħallas f'għoxrin jum mid-data tad-deċiżjoni tal-Korp intimat.*

*29. Hawnhekk il-Qorti tikkunsidra li l-argument tal-Korp intimat, miġjub permezz tal-erbatax-il eċċezzjoni tiegħu, li s-soċjetà rikorrenti kellha kull*

*opportunità li tressaq il-provi tagħha quddiemu qabel ma dan wasal għad-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tagħha, ma jista' jwassal imkien għaliex il-Kumitat ma jista' qatt jitqies bħala wieħed iindipendenti u impjarzjali f'dawn iċ- ċirkostanzi, wisq inqas ma huwa tribunal imwaqqaf bil-liġi għaliex huwa l-Korp intimat stess li jagħżel li jikkostitwih, u saħansitra jirregola l-proċeduri tiegħu b'mod arbitrarju għall-aħħar, u li ma jħallix dubju li m'hemm l-ebda parità tal- armi f'dak li huma termini għall-preżentata ta' sottomissjonijiet mill-partijiet rispettivi.*

*30. Il-Qorti tikkunsidra wkoll il-limitazzjonijiet fuq id-drittijiet tal-persuna suġġetta fl-istadju tal-appell kif dawn joħorġu mil-liġi u mfissra taħt l-Artikoli 207 u 208 tal-Kap. 12, fosthom fuq id-dritt li tippreżenta provi tagħha, u tas- subartikolu 13A(5) tal-Kap. 373 li jirrestrinġi t-terminu ta' smigħ tal-proċeduri tal-appell għal sitt xhur fejn dan il-perijodu jista' jiġi estiż biss bil-kunsens taż- żewġ partijiet jew taħt kundizzjonijiet straordinarji. Kif sewwa tirrileva s-soċjetà rikorrenti, f'dawk il-proċeduri l-oneru tal-prova jitpoġġa bil-liġi għal kollox fuqha, għaliex hija tersaq quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex tiskolpa ruħha min-nuqqasijiet allegatament ikkonstatati mill-Korp intimat. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax punt ieħor li fil-fehma tagħha jkompli jġib fix-xejn id-dritt tal-persuna suġġetta għal smigħ xieraq. Tikkunsidra li l-persuna suġġetta hija saħansitra mċaħħda għal kollox mid-dritt tal-eżami doppju tal-kwistjoni, għaliex jekk hija tingħata d-dritt li tressaq il-provi fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) sabiex tirribatti l-allegazzjonijiet magħmula mill-Korp intimat f'kuntest ta' liġi, regolamenti u regoli vagi għall-aħħar fejn dawn ifissru l-obbligi tal-persuna suġġetta, dan id-dritt li tassew kif hija tgħid, huwa fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, li huwa marbut b'termini strettissimi meħud in konsiderazzjoni l-kumplessità ta' każijiet bħal tagħha, m'hemm l-ebda possibilità skont il-liġi sabiex hija tkun tista' tressaq appell proprju mid-deċiżjoni ta' dik il-qorti, li hija waħda finali ġaladarba hija qorti tal-appell. B'hekk fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, ifalli l-argument miġjub mill-intimat Avukat tal-Istat permezz tal-għaxar eċċezzjoni tiegħu, li skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373, id-deċiżjoni tal-Korp intimat tista' tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) kemm fuq punti ta' liġi u anki fil-mertu.*

*31. Fl-aħħarnett il-Qorti tqis li tassew il-Kap. 373, flimkien mar-regoli u r- regolamenti sussidjarji, ġew fis-seħħ bil-għan li l-Istat jonora l-obbligi tiegħu Komunitarji u internazzjonali. Madankollu wieħed ftit jista' jifhem kif il-Korp intimat donnu qed jippretendi li għalhekk id-disposizzjonijiet tal-imsemmija liġi, regoli u regolamenti, stante li jittrasponu l-imsemmija obbligi fil-liġi tagħna, għandhom jitqiesu li huma konformi mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan il-Qorti tgħidu għaliex ġeneralment l-obbligi Komunitarji u dawk internazzjonali mposti fuq l-Istati Membri huma pjuttost wesgħin, fejn l- implimentazzjoni tagħhom fil-liġi domestika titħalla fid-diskrezzjoni tal-istess Stati Membri jew firmatarji, inkluż l-infurzar u l-konsegwenzi ta' ksur. Il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 59 tad-Direttiva 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li jipprovdi għas-sanzjonijiet li għandhom jiġu mposti mill-Istati Membri f'każ ta' ksur min-naħa tal-persuna suġġetta, iħalli għal kollox fid-diskrezzjoni tal-istess Stati Membri dik il-proċedura li permezz tagħha għandhom jiġu mposti l-imsemmija sanzjonijiet. Għaldaqstant l-argument tal-Korp intimat ma jistax jirnexxi.*

> *32. In kwantu l-aħħar sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward tal-mod xejn ċar li bih hija miktuba l-liġi, ir-regolamenti u r-regoli, il-Qorti ma tistax ma taqbilx, u tgħid li dan jista' jagħti lok għal azzjoni arbitrarja għal kollox min-naħa tal-Korp intimat, li aktar u aktar jirrikjedi proċess li jirrispetta d-drittijiet fundamentali kif sanċiti mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, li huma ntiżi proprju sabiex irażżnu din l-arbitrarjetà u li jinstab bilanċ bejn dak li huwa neċessarju fl-interess pubbliku u d-drittijiet fundamentali taċ- ċittadin.*
>
> *33. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti. Iżda dan ifisser li ġaladarba l-liġi hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tagħha, dak kollu li sar taħtha ma jistax jitqies li seħħ b'mod li ħares l-istess drittijiet fundamentali. Madankollu tagħraf li ta' dan m'għandux jaħti bl-ebda mod il-Korp intimat, li kien biss qed iħares il-liġijiet magħmulin mill-Istat. Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-Korp intimat li t-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħlas ta' danni morali mhijiex preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà, il-Qorti tikkunsidra li t-talba in kwistjoni fiha nnifisha tfisser ukoll li qegħda ssir talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà, li wara kollox hija riflessa sew fit-talbiet ta' qabel.'*

*Illi applikati l-principji stabiliti suesposti ghall-kaz odjern din il-Qorti taqbel li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni inghata interpretazzjoni ferm wiesgha mill-Qorti Ewropea b'dana li jinkludi fih mhux biss proceduri kriminali izda wkoll proceduri ohra. La darba l-Artikolu 6 jaghti din il-protezzjoni wiesgha allura m'ghandhiex tinghata interpetazzjoni stretta lill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi fil-kaz odjern din il-Qorti wkoll taghmel taghha l-applikazzjoni tat-tlett kriterji li jservu sabiex jiddeterminaw jekk multa ghandhiex tigi kkunsidrata bhala wahda amministrattiva jew piena kriminali. Fil-kaz odjern ghalkemm il-ligi tindika l-multa bhala wahda amministrattiva, johrog car li l-mod kif tigi mposta u wkoll l-ammonti ingenti ta' dawn il-multi huma kjarament intizi sabiex iservu ta' deterrent u ta' kastig ghall-agir tas-socjeta' rikorrenti li giet ikkunsidrata li naqset fil-konfont tal-ligi. Huwa ghalhekk li l-Artikoli ndikati mis-socjeta' rikorrenti u wkoll l-applikazzjoni tal-Kap 373 – L-Att dwar il-Money Laundering u l-Legistazzjoni Sussidjarja 373.01 ghandhom jigu kkunsidrati li jaqghu taht il-garanzija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea b'dana li anki fl-istadju tal-Kumitat is-socjeta' rikorrenti kellha tinghata l-garanziji kollha ghal smiegh xieraq.*

*Illi fil-kaz odjern mill-atti odjerni jirrizulta li ghalkemm waqt il-gbir tal-iinformazzjoni mill-agenti tal-FIAU is-socjeta' rikorrenti kienet qed tigi nvoluta fis-sens li l-iinformazzjoni kienet qed tigi mitluba lilha u wkoll ghal dak li huma spjegazzjonijieniet kienu qed jintalbu lilha, wara li sar ir-rapport inizjali s-socjeta' rikorrent giet involuta biss fis-sens li ntalbet tipprezenta risposta ghar-rapport preliminari. Da parti taghha l-FIAU baqghet involuta f'kull stadju billi permezz ta' impjegati taghha, investigat il-kaz, irredigiet ir-rapport preliminari, regghet irredigiet ir-rapport finali li tela ghand il-Kumitat, il-Kumitat jirrizulta li huwa kompost minn impjegati taghha, quddiem il-Kumitat kien presenti impjegat iehor*

*mis-sezzjoni tal-infurzar li seta' jghid li jrid minghajr ebda kontroll da parti tas-socjeta' rikorrenti li ma gietx mistiedna biex tkun presenti, l-istess impjegati tal-FIAU analizzaw l-allegati nuqqasijiet li kienu gew investigati mill-istess FIAU, iddecidew dwarhom u sahansitra imponew huma stess il-multi mhux zghar fuq is-socjeta' rikorrenti. F'dan kollu s-socjeta' rikorrenti kienet involuta biss sal-istadju ta' risposta ghar-rapport preliminari. Hareg allura car li l-Kumitat li ha d-decizjoni dwar l-agir tas-socjeta' rikorrenti mhuwiex awtonomu tant li jifforma parti integrali mill-Korp intimat, kostitwiet minn impjegati tal-Korp intimat li ma ghandhom l-ebda 'security of tenure.' Minn naha l-ohra s-socjeta' rikorrenti lanqas id-dritt minimu li tkun prezenti ghad-diskussjoni ma nghatat. In-nuqqas ta' bilanc f'din is-sitwazzjoni hija carissimia f'ghajnejn il-Qorti b'dana li l-ksur tal-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq huwa lampanti.*

*Illi din il-Qorti zzid li gia fir-rapport preliminari tal-FIAU datat 16 ta' April, 2021 johrog car mid-dicitura fl-istess il-pregudizzju fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti fejn din tigi nfurmata li dawn il-proceduri li jwasslu ghal multi tant ingenti huma 'minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni ohra li tista' tittiehed kontra s-socjeta' rikorrenti'. Allura l-istess entita li qed tinvestigak, issibek hati u timponi l-multi fuqek tant mhiex iimparzjali li sahansitra qed tavzak li qed tirriserva li tiehu proceduri ohra fil-konfront tieghek. Certament dan ma jirrispekkjax l-iimparzjalita' li ghandha tigi riflessa fi proceduri bi smiegh xieraq ghall-partijiet kollha nvoluti.*

*Illi l-Qorti nnotat ukoll li x-xhieda rappresentanti tal-Korp intimat f'diversi partijiet mix-xhieda taghhom jaghmlu referenza u jistriehu fuq regolamenti tal-Unjoni Ewropea u 'guidelines' li gew moghtija lilhom jew gew approvati mill-Kummissjoni Ewropea, l-European Bank Authority, MoneyVal u FATF u jitkellmu daqs li kieku ghandhom il-jedd li jaqbdu u jimplimentaw kwalunkwe procedura li jridu taht il-kappa u bl-iskuza tal-Ligijiet tal-Unjoni Ewropea u istituzzjonijiet internazzjonali u dan a skapitu tad-drittijiet fundamentali tal-individwi. Certament dan mhux il-kaz. Filwaqt li l-istat huwa obbligat li jimplimenta r-regolamenti Ewropej huwa fatt maghruf li l-mezz ta' implimentazzjoni jidhalla f'idejn l-Istat stess. Fil-kaz odjern l-Istat Malti ghazel li jaghti l-poteri kollha kemm investigattivi kif ukoll gudizzjarji lill-Korp intimat u dan certament ma giex impost fuqu mill-Unjoni Ewropea. Din is-sitwazzjoni, li spiccat ikkostitwiet ksur tal-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq tas-socjeta' rikorrenti, facilment tista' tigi evitata fil-futur billi l-iStat Malti jbiddel il-ligi u jipprovdi ghal entita' awtonoma u iindipendenti fl-istadju ta' konsiderazzjoni u decizjoni fil-konfront tal-individwi nvoluti b'dana li l-individwi nvoluti jinghataw ampju access ghal dan il-process ugwalment daqs il-Korp intimat li tkun qed takkuzah."*

54. L-FIAU jilmenta illi huwa jiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi u mhux penali u għalhekk il-garanziji applikabbli fil-qasam

penali skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni mhuwiex applikabbli għall-każ odjern. Kwantu għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Insignia Cards Limited vs Korp għall-Analiżi ta' Iinformazzjoni Finanzjarja et**, deċiża tal-24 ta' Mejju 2023 (175/2022LM), li fuqha straħet l-Ewwel Qorti, qal li l-istess għadha *sub judice* u għalhekk ma kellhiex tiġi kkwotata bħal li kieku kienet sentenza finali.

55. Kwantu għall-applikazzjoni tal-kriterji Engel, l-FIAU jilmenta illi l-każistika tal-QEDB ġiet żviluppata b'referenza għall-Konvenzjoni u mhux għall-Kostituzzjoni ta' Malta, li għalkemm fl-Artikolu 39 tipproteġi dritt simili għal dak protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, dawk id-dispożizzjonijiet mhumiex identiċi. Jilmenta li jekk l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti tiġi kkonfermata jkun ifisser li l-Istat se jinsab f'pożizzjoni li sabiex jaqdi l-obbligi komunitarji tiegħu huwa ħa jkollu inevittabbilment jgħabbi lill-Qrati tagħna bil-piż ta' miżuri amministrattivi.

56. F'kull każ, il-Korp appellant jilmenta li l-applikazzjoni tal-kriterji Engel ma kellhiex twassal għall-konklużjoni illi s-sanzjoni imposta minnu hija ta' natura kriminali għaliex:

(i) il-piena in kwistjoni hija klassifikata fil-liġi bħala piena amministrattiva;

(ii) in-natura tal-vjolazzjoni ma torbotx lill-pubbliku b'mod ġenerali jew '*a general category of persons'* iżda biss lill-*subject persons* fl-eżerċizzju tal-professjoni jew negozju tagħhom kif definit fir-regolamenti applikabbli;

(iii) meta jiġi biex jimponi penali, l-FIAU jikkunsidra kemm il-gravità tal-vjolazzjoni (ir-regolament 21 tal-L.S. 373.01 jipprovdi tliet livelli ta' vjolazzjonijiet, ossija kontravenzjonijiet żgħar, kontravenzjonijiet ordinarji, u kontravenzjonijiet gravi, ripetuti jew sistematiċi) u kif ukoll id-daqs / *turnover* tal-entità biex jiġi żgurat illi s-sanzjoni tkun effettiva u proporzjonata. *Inoltre* s-sanzjoni imposta tista' tiġi rkuprata biss bħala dejn ċivili.

57. B'żieda ma' dan l-FIAU jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tiddistingwi bejn *hard core of criminal law* u *cases not strictly belonging to the traditional categories of criminal law*. Jgħid li f'dan l-aħħar rigward il-QEDB ripetutament sabet li deċiżjoni meħuda minn awtorità amminstrattiva li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, xorta waħda titqies bħala konformi mal-Konvenzjoni <u>ladarba tali deċiżjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju sħiħ</u>.

58. L-ewwel kwistjoni li trid tiġi ndirizzata hija jekk il-multa amministrattiva li mpona l-FIAU fuq ir-rikorrenti kinitx konsegwenti għal '*criminal charge'* skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u / jew 'reat kriminali' skont l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni.

59. L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, li jipprovdi illi:

> *"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti iindipendenti u iimparzjali mwaqqfa b'liġi."*

60. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni min-naħa l-oħra jipprovdi illi:

> *"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għalsmigħ iimparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunaliindipendenti u iimparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandhatingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi esklużmill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetàdemokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajjaprivata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożamentmeħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċitàtista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

61. Il-Kodiċi Kriminali jipprovdi *inter alia* li:

i. Ir-reati huma delitti jew kontravvenzjonijiet;

ii. Il-pieni għalihom jinkludu l-priġunerija jew detenzjoni (Art. 7);

iii. L-azzjoni kriminali titmexxa mill-Avukat Ġenerali jew il-pulizija skont il-każ (Art. 4);

iv. Meta l-multa ma titħallasx tiġi konvertita f'priġunerija (Art. 11(2)). Hekk ukoll meta l-ammenda ma titħallasx tiġi konvertita f'detenzjoni (art. 13(2));

v. Jiġi konfiskat kull ma jkun ġie miksub bid-delitt (Art. 23);

vi. Hemm ir-reċidiva għal dawk ir-reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija (Art. 28F).

62. Fil-każ in eżami m'hemm xejn minn dan u l-Kodiċi Kriminali ma japplikax f'dawn it-tip ta' proċeduri. Id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea wkoll tagħmel distinzjoni bejn proċeduri kriminali u dawk amministrattivi. Fil-fatt l-Artikolu 58 jipprovdi:

> *"2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet u miżuri amministrattivi u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jimponu tali sanzjonijiet u miżuri fir-rigward ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, u għandhom jiżguraw li dawn jiġu implimentati".*

63. Hu fatt ukoll li pieni amministrattivi jista' jkollhom konsegwenzi serji fuq min jiġu imposti, partikolarment meta jkunu severi. F'dan il-kuntest fil-ktieb <u>Harris, O'Boyle and Warbrick: Law of the Eurropean Convention on Human Rights</u>, intqal:

> *"Criminal has an autonomous Convention meaning. Otherwise, if the classification of an offence in the law of the contracting parties were regarded as decisive, a state would be free to avoid the Convention obligation to ensure a fair trial in its discretion. I would also result, in*

> *this context, in an unacceptably uneven application of the Convention from one state to another".*

64. Huwa dan li wassal lill-QEDB tiżviluppa 'l hekk imsejħa *Engel criteria.* Eżami li, bħala stat ta' fatt, ġie żviluppat għall-finijiet tal-applikazzjoni u interpretazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li hija awtonoma mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

65. Il-Kostituzzjoni saret liġi qabel l-introduzzjoni tal-kriterji Engel, meta saħansitra ma kienx possibbli li kumpanija tkun akkużata b'reat kriminali. Madankollu, din il-Qorti diġà applikat l-Engel criteria f'każijiet oħra li kienu jinvolvu sanzjoni amministrattiva meta l-ilment kien relatat mal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u ser tkompli ssegwi dik il-ġurisprudenza. Każijiet li fihom din il-Qorti tat lill-kliem 'reat kriminali' fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni t-tifsira awtonoma u wiesgħa li tingħata mill-QEDB minflok dik li tista' tasal għaliha minn qari tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9). Hekk pereżempju huma s-sentenzi **Rosette Thake v Kummissjoni Elettorali** tat-8 ta' Ottubru 2018 u **Federation of Estate Agents v Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)** tat-3 ta' Mejju 2016).

66. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ser tkompli tistħarreġ il-każ fuq l-*Engel criteria* żviluppati mill-QEDB, u b'dan il-mod tkun qiegħda tkompli tiżgura li tingħata tifsira awtonoma għall-kliem 'reat kriminali' fl-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni. B'dan il-mod jiġi mistħarreġ x'inhi n-natura vera ta'

infrazzjoni regolamentarja fejn il-liġi tipprovdi għal sanzjoni amministrattiva, meta l-eżerċizzju jkollu jsir għall-finijiet tal-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni li jiggarantixxi l-jedd għal smigħ xieraq quddiem qorti f'każ fejn il-persuna hi akkużata b'reat kriminali.

67. Fil-każ **Grande Stevens and others**[14], il-QEDB reġgħet ikkonfermat li:

> *"94. The Court reiterates its established case-law that, in determining the existence of a "criminal charge", it is necessary to have regard to three factors: the legal classification of the measure in question in national law, the very nature of the measure, and the nature and degree of severity of the "penalty" (see Engel and Others v. the Netherlands, 8 June 1976, § 82, Series A no. 22). Furthermore, these criteria are alternative and not cumulative ones: for Article 6 to apply in respect of the words "criminal charge", it suffices that the offence in question should by its nature be "criminal" from the point of view of the Convention, or should have made the person concerned liable to a sanction which, by virtue of its nature and degree of severity, belongs in general to the "criminal" sphere. This, however, does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a "criminal charge" (see Jussila v. Finland [GC], no. 73053/01, §§ 30 and 31, ECHR 2006-XIII, and Zaicevs v. Latvia, no. 65022/01, § 31, ECHR 2007-IX (extracts))".*

68. F'**Jussila v Finland** tat-23 ta' Novembru 2006, il-QEDB irrikonoxxiet ukoll li hemm *'criminal charges of differing weight'*:

> *"Notwithstanding the consideration that a certain gravity attaches to criminal proceedings, which are concerned with the allocation of criminal responsibility and the imposition of a punitive and deterrent sanction, it is self-evident that there are criminal cases which do not carry any significant degree of stigma. There are clearly "criminal charges" of differing weight. What is more, the autonomous interpretation adopted by the Convention institutions of the notion of a*

[14] Applikazzjoni nru. 18640/10, deċiż fl-4 ta' Marzu 2014

> *"criminal charge" by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law, for example administrative penalties (Öztürk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campbell and Fell v. the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v. France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Société Stenuit v. France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v. France, no. 33933/96, ECHR 2000-IX). Tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees will not necessarily apply with their full stringency (see Bendenoun and Janosevic, § 46 and § 81 respectively, where it was found compatible with Article 6 § 1 for criminal penalties to be imposed, in the first instance, by an administrative or non-judicial body, and, a contrario, Findlay, cited above)".*

69. F'dan il-każ, il-Kap. 373 jikklassifika s-sanzjonijiet li jimponi l-Korp bħala pieni amministrattivi. Għalhekk skont dik il-liġi n-nuqqasijiet attribwiti lill-attriċi mhumiex reat kriminali.

70. Però l-eżerċizzju ma jieqafx hawn. Jekk jieqaf hawn ikun ifisser li kull ma jkollha tagħmel il-leġislatura hu li fil-liġi u regolamenti relevanti ma ssemmix li l-infrazzjoni hi reat kriminali. Mela filwaqt li persuna tgawdi minn ċertu garanziji fil-każ ta' reat, li jinkludu kontravenzjonijiet, mhux l-istess jiġri f'każ fejn l-att jew l-omissjoni ma jiġux deskritti bħala reat. Dan minkejja l-konsegwenzi mill-aspett finanzjarju li l-pieni amministrattivi jista' jkollhom fuq is-*subject person*. Għalhekk, wieħed irid jeżamina wkoll in-natura tal-miżura (tieni kriterju ta' Engel).

71. Il-pieni amministrattivi in eżami huma fihom infushom ta' natura punittiva u wkoll iservu ta' deterrent biex il-persuni soġġetti jaqdu d-

dmirijiet tagħhom b'mod konformi mar-regolamenti magħmula sabiex jipprevjenu l-ħasil tal-flus. Li huma ta' natura punittiva jirrikonoxxih l-istess Korp fid-dokument, *Anti-Money Laundering/Counter-Financing of Terrorism ('AML/CFT') Sanctions Policy*[15] (ara paġna 5 u 9 tad-dokument) fejn *inter alia* jingħad:

> *"The need to take punitive action is based on the understanding that misconduct would give rise to punishment and that subject persons should not be allowed to make financial gain from braches of AML/CFT obligations. Moreover, measures should serve to dissuade the subject person from carrying out further breaches in the future, but also to dissuade other subject persons from not adhering to AML/CFT obligations and send a clear message that non-compliance will have serious repercussions. To this end, the CMC considers administrative penalites to contribute to dissuasiveness".*

72. Għan li wara kollox joħroġ ukoll mid-direttiva tal-Unjoni Ewropea 849/2015, li tissemma wkoll fil-Kap. 373. Hekk pereżempju fil-prejambolu tad-direttiva jingħad:

> *"(1) Il-flussi ta' flus illeċiti jistgħu jagħmlu ħsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju, u jheddu s-suq intern tal-Unjoni kif ukoll l-iżvilupp internazzjonali. Il-ħasil ta' flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jibqgħu problemi sinifikanti li għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. Minbarra l-iżvilupp ulterjuri tal-applikazzjoni tal-liġi kriminali fil-livell tal-Unjoni, il-prevenzjoni mmirata u proporzjonata tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija indispensabbli u tista' tipproduċi riżultati komplementari.*
>
> *…………..*
>
> *(59) L-importanza tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu għandha twassal lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-liġi nazzjonali għan-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet*

[15] Fol. 170 *et seq*

> *nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva. Attwalment l-Istati Membri għandhom stabbilita firxa varja ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet preventivi ewlenin. Dik id-diversità tista' tkun ta' detriment għall-isforzi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u r-rispons tal-Unjoni huwa f'riskju li jkun frammentat. Għalhekk din id-Direttiva għandha tipprovdi firxa ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi mill-Istati Membri għal-inqas għal ksur serju, ripetut jew sistematiku tar-rekwiżiti relatati ma' miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti, iż-żamma ta' rekords, ir-rappurtar ta' transazzjonijiet suspettużi u l-kontrolli interni ta' entitajiet marbutin b'obbligu. Il-firxa ta' sanzjonijiet u miżuri għandha tkun wiesgħa biżżejjed biex tippermetti lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti biex jikkunsidraw id-differenzi bejn entitajiet marbutin b'obbligu, b'mod partikolari bejn istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu u entitajiet marbutin b'obbligu oħra, fir-rigward tad-daqs, il-karatteristiċi u n-natura tan-negozju tagħhom. Fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri amministrattivi f'konformità ma' din id-Direttiva u ta' sanzjonijiet kriminali f'konformità mal-liġi nazzjonali ma tmurx kontra l-prinċipju ta' ne bis in idem.”.*

73. Huwa minnu li dawk ir-regolamenti japplikaw mhux għal kulħadd iżda għall-grupp ta’ nies li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta’ persuni soġġetti, u ċjoè istituzzjonijiet finanzjarji u dawk li jagħmlu ‘attività rilevanti’ (ara reg 2 tal-L.S. 373.01). Dawn jinkludu pereżempju awdituri, *accountants,* konsulenti tat-taxxa, aġenti tal-proprjetà, nutara u professjonisti oħra, dawk li għandhom liċenzji ta’ *casinos* u *gaming*, u kull persuna li tinnegozja f’oġġetti bi ħlas ta’ flus kontanti f’ammont ekwivalenti għal €10,000 jew iktar u oħrajn. Għalhekk hemm firxa konsiderevoli ta’ persuni li jaqgħu f’dik id-definizzjoni u li għalihom japplikaw ir-regolamenti u l-linji gwida tal-Korp.

74. Il-fatt li dawn il-pieni amministrattivi mhumiex konvertibbli f’priġunerija, għalkemm rilevanti, mhuwiex determinati għaliex f’dan il-każ

għandna kumpanija li ovvjament f'każ ta' ħtija ma tistax teħel priġunerija billi mhijiex persuna fiżika.

75. Kwantu għall-<u>grad ta' severità</u> tal-piena amministrattiva in kwistjoni, u allura t-tielet kriterju Engel, ir-regolament 21 tal-L.S. 373.01 jipprovdi li l-piena amministrattiva fejn persuna suġġetta tonqos milli tkun konformi ma' kull ħtieġa legali, ordni u direttiva tal-Korp, jew linji gwida tal-istess Korp, teħel piena amministrattiva ta' bejn €1,000 u €46,500 għal kull nuqqas separat. B'dan li skont l-istess regolament fil-każ ta':

i. Infrazzjonijiet żgħar tiġi imposta piena ta' mhux inqas minn €250 jew tingħata ċanfira;

ii. Fil-każ ta' ksur gravi, ripetuti l-Korp jista' jimponi fuq il-persuna suġġetta piena ta' mhux iktar minn €1,000,000 jew darbtejn il-benefiċċju li l-pesuna tkun irċeviet;

iii. Fil-każ ta' ksur gravi, ripetuti, il-Korp jista' jimponi fuq il-persuna suġġetta li twettaq kummerċ finanzjarju rilevanti, il-piena amministrattiva ta' mhux iktar minn €5,000,000 jew 10% tal-fatturat annwali kif dikjarat fl-aħħar dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u approvati;

iv. F'każ ta' korp jew assoċjazzjoni ta' persuni, il-Korp jista' wkoll jimponi piena amministrattiva fuq persuna fiżika li però tkun bejn €1,000 u €250,000.

76. F'dan il-każ il-piena amministrattiva li l-Korp appellant impona fuq ir-rikorrenti kienet fis-somma ta' <u>€244,679</u>, rappreżentanti tliet kategoriji ta' infrazzjonijiet[16]:

i. *purpose and intended nature of business relationship – Iinformation of source of wealth not sufficient – breach weight 44* = €51,417

ii. *ongoing monitoring of business relationship – No security of transactions (but a system / measure is in place) – breach weight 49* = €79,111; *fine value post adjustment* €179,111. Fil-każ ta' dan in-nuqqas hemm nota li tgħid li l-Kumitat iddeċieda li:

> *'the tool did not make justice to the risks observed in the transactions reviewed .... In particluar the Committee observed that a number of trans (3 in total) exceeded the 1m with one being more than 24m at one go.. For this reason the committee decided to increase the amount decided by the tool by 25K for each of the trans that exceeded the 1m (ie 50K) and 50K for that transaction that exceeded the 24m to cater for the risks taken by the Company without the necessary level of due diligence being applied. The Committee considered the specific materiality of the risks and the transactions involved had to be factored in by the Committee."*

[16] Fol. 162 *et seq*. u fol. 141 *et seq.*

iii. *MLRO – MLRO does not have sufficient seniority and command – breach weight 34* = €21,719

77. Mit-total riżultanti tnaqqas imbagħad perċentwal ta' tlieta fil-mija (3%) taħt l-intestatura '*Proportionality of Administrative Penalty with Size of SP'.* F'dan il-kuntest jirriżulta wkoll li l-FIAU ikkwalifika lis-soċjetà rikorrenti fil-kategorija '*Large 1'.* Kategorija li skont l-aħħar paġna tal-istess dokument hija naxxenti mill-fatt li s-soċjetà appellata kellha *turnover* ta' €32,985,874[17]*.*

78. Dwar dan, fit-tweġiba tal-appell tagħha, is-soċjetà rikorrenti tgħid hekk:

> *'Il-korp appellant, b' referenza għas-severità tal-piena, jissottometti illi turnover tas-soċjetà esponenti kien ta' €32,985,874. Dan pero huwa irrilevanti fl-ewwel lok għaliex dan huwa t-turnover u mhux qliegħ, u apparti minn hekk, is-sentenzi tal-qorti Ewropea fuq ċitati jagħmlu referenza għas-severità tal-piena mingħajr ma jaqblu (sic.!) għamel qliegħ jew turnover ta' dak li jkun. L-appellant Avukat tal-Istat jikkonkludi illi l-profitt dikjarat tas-soċjetà esponenti qabel it-taxxa huwa ta' €8, 994.578. Din il-figura hija waħda li tista' tiżgwida għaliex żgur li fuq din iċ-ċifra hemm ammont sostanzjali ta' taxxi. Se mai huwa l-qliegħ wara t-taxxa illi tkun figura li għandha titqies u anke jekk wieħed jagħmel dan l-eżerċizzju xorta waħda jirriżulta illi l-multa inflitta (€244,679 li trid titħallas fi żmien għoxrin ġurnata) hija waħda sostanzjali. Jerġa' jiġi enfasizzat illi dan huwa kollu rrilevanti għaliex is-sentenzi tal-qorti Ewropea jikkunsidraw is-severità tal-multa b' mod oġġettiv u mhux imqabbel ma' xi qligħ."*[18]

---

[17] Ara wkoll fol. 141 *et seq*, speċifikament fol. 159
[18] Fol. 858

79. Il-Qorti taqbel mal-Korp appellant illi ma tistax tħares b'mod iżolat lejn is-sanzjoni, u dik li hi sanzjoni severa għal ċertu persuni tista' ma tkunx l-istess għal oħrajn.

80. Mill-*Annual Report and Financial Statements* tas-soċjetà rikorrenti għas-sena li spiċċat fil-31 ta' Diċembru 2021, jirriżulta li f'dik is-sena s-soċjetà rikorrenti kellha *total revenue* ta' €44,109,719 u profitt nett ta' €8,228,701[19]. Fis-sena preċedenti, jiġifieri fis-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti kellha *total revenue* ta' €32,985,874 u profitt nett ta' €12,427,161[20]. Dan ifisser illi l-multa in kwistjoni (€244,679) hija <u>inqas minn 3% tal-profitt nett tal-kumpanija għas-sena 2021 u madwar 0.74% tat-*turnover* tagħha għas-sena 2020</u>.

81. Rilevanti f'dan il-kuntest hi s-sentenza **<u>Orlen Lietuva Ltd v Lithuania</u>** tad-29 ta' Jannar 2019. Il-QEDB qalet:

> *"62....... the Court moreover considers that the fine imposed on the applicant company was not intended to serve as pecuniary compensation for breaches of competition law but as a penalty to deter reoffending because the penalty the applicant company risked incurring was rather severe <u>as it amounted to up to 10% of its annual turnover in the preceding business year</u> (see paragraph 25 above),……..."*

82. F'dan il-każ, il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-multa in kwistjoni hija partikolarment ħarxa fuq il-finanzi tas-soċjetà rikorrenti. Madanakollu,

[19] Fol. 473, 495, u 497
[20] Fol. 473

tibqa' xorta oġġettivament sostanzjali. Għalhekk, meqjusa b'mod partikolari t-tieni u t-tielet kriterji Engel flimkien, hija tal-fehma li f'dan il-każ ukoll għandhom japplikaw il-garanziji bażiċi li jagħtu l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni lill-persuna akkużata b''reat kriminali' u 'akkuża kriminali' għall-finijiet tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

83. F'dan il-kuntest jitqies illi l-Korp mhuwiex tribunal indipendenti jew qorti imparzjali, għalkemm mill-provi jirriżulta li ta lir-rikorrenti sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet u tibgħat dokumenti li tqis li huma rilevanti biex tirribatti dak li ngħad fir-rapport. Jibqa' l-fatt li l-piena amministrattiva ġiet imposta fuq ir-rikorrenti minn awtorità amministrattiva li jgħidu x'jgħidu l-intimati, żgur li mhijiex oġġettivament imparzjali.

84. Madankollu, il-kwistjoni ma tieqafx hawn għaliex ir-rikorrenti ressqet proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell u dan kif kellha dritt tagħmel skont il-liġi. Il-QEDB qalet li f'proċeduri amministrativi, l-obbligazzjoni li japplika l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jfissirx li piena amministrattiva ma tistax tiġi imposta minn awtorità. Hekk pereżempju fis-sentenza **Mamikidis v Greece** (35533/04) tal-11 ta' Jannar 2007 f'każ li kien jinvolvi l-impożizzjoni ta' piena amministrattiva minn awtorità pubblika, il-Qorti osservat li għalkemm kienu jaqgħu taħt '*criminal charge*', ir-rikorrent kellu l-opportunità li jikkontesta l-istess f'proċeduri ġudizzjarji:

*"30. En l'espèce, la Cour doit rechercher si le requérant a bénéficié devant les juridictions administratives des droits garantis par le volet pénal de l'article 6 de la Convention. Cela étant, la Cour ne perd pas de vue qu'en droit grec, la procédure administrative visant à sanctionner un acte de contrebande de produits pétroliers, procédure qui fait l'objet de la présente requête, se déroule de façon totalement indépendante de la procédure pénale prévue pour punir, le cas échéant, les faits constitutifs de la même infraction. En effet, en raison de leur nature distincte, il s'agit de deux procédures parfaitement autonomes qui n'ont pas les mêmes résultats pour la situation d'un individu, en particulier dans la mesure où seule la procédure pénale peut aboutir à une peine d'emprisonnement et exprime une sérieuse réprobation du corps social à l'encontre de l'auteur du délit ou du crime en question.*

*…….*

*32. Par ailleurs, le requérant a bénéficié d'une procédure contradictoire, au cours de laquelle il a eu la possibilité de soumettre aux juridictions compétentes les arguments qu'il estimait utiles pour la défense de sa cause. En outre, dans les décisions judiciaires mises en cause par le requérant, tous les points controversés ont été amplement motivés, ce qui permet d'écarter tout soupçon d'arbitraire. Le fait que le requérant conteste le raisonnement des juridictions saisies, ne suffit pas pour conclure que celles-ci n'ont pas dûment motivé leurs décisions".*

85. Imbagħad fis-sentenza **Grande Stevens and Others v Italy** (18640/10) tal-4 ta' Marzu 2014, il-QEDB wara li kkonkludiet li proċeduri amministrattivi quddiem il-CONSOB kienu dwar '*criminal charge*', żiedet:

*"138. The above findings concerning the CONSOB's lack of objective impartiality and the fact that the proceedings before it did not comply with the principles of a fair hearing are not, however, sufficient to warrant the conclusion that there has been a violation of Article 6 in this case. In this connection, the Court observes that the penalties complained of by the applicants were not imposed by a court at the close of adversarial judicial proceedings, but by an administrative authority, namely the CONSOB. While entrusting the prosecution and punishment of similar minor offences to such authorities is not inconsistent with the Convention, the person concerned must have an opportunity to challenge any decision made against him or her before a tribunal which offers the guarantees of Article 6 (see Kadubec v. Slovakia, 2 September 1998, § 57, Reports 1998-VI; Čanády v. Slovakia, no. 53371/99, § 31, 16 November 2004; and Menarini Diagnostics S.r.l., cited above, § 58).*

> *139. Therefore, in administrative proceedings, the obligation to comply with Article 6 of the Convention does not preclude a "penalty" being imposed by an administrative authority in the first instance. For this to be possible, however, decisions taken by administrative authorities which do not themselves satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention must be subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction (see Schmautzer, Umlauft, Gradinger, Pramstaller, Palaoro and Pfarrmeier v. Austria, judgments of 23 October 1995, §§ 34, 37, 42 and 39, 41 and 38 respectively, Series A nos. 328 A-C and 329 A C). The characteristics of a judicial body with full jurisdiction include the power to quash in all respects, on questions of fact and law, the decision of the body below. It must have jurisdiction to examine all questions of fact and law relevant to the dispute before it (see Chevrol v. France, no. 49636/99, § 77, ECHR 2003-III; Silvester's Horeca Service v. Belgium, no. 47650/99, § 27, 4 March 2004; and Menarini Diagnostics S.r.l., cited above, § 59)".*

86. F'dak il-każ il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni instab mhux minħabba l-proċess amministrattiv li sar quddiem il-CONSOB, proċess li l-Qorti qalet li ma kienx jissodisfa *"161..... the requirements of fairness and objective impartiality set out in Article 6 of the Convention",* iżda minħabba li l-Qorti tal-Appell ta' Turin *"... did not hold a public hearing, which, in the present case, amounted to a violation of Article 6(1) of the Convention".*

87. Sentenza li segwiet dak li kien diġà ġie deċiż mill-istess Qorti fis-sentenza **Menarini Diagnostics S.r.l. v Italy** tas-27 ta' Settembru 2011 u li wkoll kienet titratta dwar piena amministrattiva. F'dak il-każ il-piena kienet ta' sitt miljun ewro imposti fuq il-kumpanija minn awtorità responsabbli dwar kompetizzjoni.

88. F'dik is-sentenza l-QEDB osservat kif kienet diġà ddeċidiet li l-Artikolu 6 japplika fir-rigward ta' ċertu awtoritajiet amministrattivi li għandhom poter li jimponu sanzjoni fil-qasam tad-dritt finanzjarju:

> *"43. Inoltre, la Corte ricorda che, a proposito di alcune autorità amministrative francesi competenti in diritto economico e finanziario e aventi poteri sanzionatori, essa ha dichiarato che l'articolo 6 nel suo aspetto penale si applicava alle decisioni del Consiglio della concorrenza (Lilly c. Francia (dec.), n. 53892/00, 3 dicembre 2002), del Consiglio dei Mercati Finanziari (Didier c. Francia (dec.), n. 58188/00, 27 agosto 2002) e della Commissione bancaria (Dubus SA c. Francia, N. 5242/04, § 36, 11 giugno 2009)".*

89. Qalet ukoll:

> *"59. La conformità con l'articolo 6 della Convenzione non esclude che in un procedimento di natura amministrativa, una "pena" sia inflitta da un'autorità amministrativa. Si presuppone però che la decisione di un' autorità amministrativa che non soddisfi le condizioni di cui all'articolo 6 § 1 debba subire un controllo a posteriori da un organo giudiziario avente giurisdizione piena (Schmautzer, Umlauft, Gradinger, Pramstaller, e Palaoro Pfarrmeier c. Austria, sentenza del 23 ottobre 1995, la nostra serie A, 328 AC e 329 AC, § § 34, 37, 42 e 39, 41 e 38). Tra le caratteristiche di un organo giudiziario avente piena giurisdizione vi è il potere di riformare in ogni modo, in fatto come in diritto, la decisione, resa da un organo di grado inferiore. Detto giudice deve essere competente a giudicare tutte le questioni di fatto e di diritto rilevanti per la controversia per cui è adito (Chevrol c. Francia, no 49636/99, § 77, CEDU 2003-III, e Silvestro Horeca Service c . Belgio, n. 47650/99, § 27, 4 marzo 2004).*
>
> *...........*
>
> *67. La decisione della AGCM è stata sottoposta al controllo a posteriori da parte di un giudice avente giurisdizione estesa al merito, pertanto nel caso di specie non può essere rilevata alcuna violazione dell'articolo 6 § 1 della Convenzione."*

90. Fis-sentenza **<u>Edizioni del Roma Societa' Cooperativa A.R.L. v l-Italja</u>** tad-19 ta' Diċembru 2020, il-QEDB qalet hekk:

*"67. Il rispetto dell'articolo 6 della Convenzione non esclude dunque che, in un procedimento di natura amministrativa, una «pena» sia imposta in primo luogo da un'autorità amministrativa (G.I.E.M. S.R.L. e altri c. Italia [GC], nn. 1828/06 e altri 2, § 254 28 giugno 2018). Si presuppone però che la decisione di un'autorità amministrativa che non soddisfi essa stessa le condizioni di cui all'articolo 6 sia sottoposta a un controllo a posteriori da parte di un organo giudiziario con piena giurisdizione (Ramos Nunes de Carvalho e Sá c. Portogallo [GC], nn. 55391/13 e altri 2, § 132, 6 novembre 2018). Tra le caratteristiche di un organo giudiziario con piena giurisdizione vi è il potere di riformare interamente, in fatto e in diritto, la decisione emessa da un organo di grado inferiore. Il primo organo deve essere competente per esaminare tutte le questioni di fatto e di diritto rilevanti per la controversia ad esso sottoposta (Chevrol c. Francia, n. 49636/99, § 77, CEDU 2003-III, Silvester's Horeca Service c. Belgio, n. 47650/99, § 27, 4 marzo 2004, e A. Menarini Diagnostics S.r.l., sopra citata, § 59)".*

91. Hekk ukoll fis-sentenza riċenti **Affaire European Air Transport Leipzig GMBH v Il-Belġju** tal-11 ta' Lulju 2023, l-istess Qorti kkunsidrat il-fatt li r-rikorrenti kellha l-jedd tikkontesta l-penali amministrattiva inflitta minn awtorità, quddiem il-Conseil d'Etat kif fil-fatt għamlet. Imbagħad il-Qorti kkunsidrat jekk dak li fil-fatt sar quddiem dik il-Qorti kienx konformi mal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Saħansitra qalet:

*"59. Elle fait premièrement valoir que le contrôle effectué par le Conseil d'État n'était pas un contrôle de pleine juridiction au sens de l'article 6 § 1 de la Convention eu égard au fait que celui-ci disposait uniquement de la possibilité d'annuler la décision litigieuse et ne pouvait substituer son appréciation à celle de l'autorité administrative (paragraphe 43 ci-dessus).*

*60. Sur ce point, la Cour a déjà jugé, comme exposé ci-avant (paragraphe 51 ci-dessus), que le rôle de l'article 6 n'est en principe pas de garantir l'accès à un tribunal qui pourrait substituer sa propre appréciation ou son propre avis à ceux des autorités administratives. Partant, aux yeux de la Cour, le fait que la compétence du Conseil d'État se limitait, en l'espèce, à l'annulation des décisions litigieuses et*

> *ne s'étendait pas à leur réformation n'est pas un problème en soi au regard de l'article 6 de la Convention (voir, dans le même sens, à propos du Conseil d'État de Belgique : SA Patronale hypothécaire, précité, § 48, voir également à propos du Conseil d'État de France : Dahan c. France, no 32314/14, § 61, 3 novembre 2022)".*

92. Għalhekk minkejja li l-kompetenza tal-Conseil d'Etat hi limitata, il-Qorti xorta ma sabitx ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

93. Din il-Qorti stess fis-sentenza tal-**<u>Federation of Estate Agents</u>** tat-3 ta' Mejju 2016 għamlet referenza għas-sentenza **<u>Janosevic v l-Isvezja</u>** tal-QEDB tat-23 ta' Lulju 2012. Fil-każ ta' **<u>Janosevic</u>** l-awtoritajiet tat-taxxa kienu imponew taxxa addizzjonali u *surcharges* fuq l-applikant u l-QEDB qalet li l-awtoritajiet tat-taxxa għandu jkollhom dak il-poter irrispettivament mill-fatt li jkunu f'ammonti kbar. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-Federation of Estates Agents qalet hekk:

> *"45. Dak li jgħodd għall-awtorita tat-taxxa jgħodd ukoll għall-awtorita' tal-kompetizzjoni u l-qorti taqbel mal-appellanti illi l-fatt illi l-multa tiġi imposta, fl-ewwel grad, minn awtorita amministrattiva li ma hijiex tribunal iindipendenti u iimparzjali ma huwiex inkompatibbli mal-art. 6 tal-Konvenzjoni, sakemm id-deċiżjoni ta' dik l-awtorita tista' tinġieb għal reviżjoni quddiem tribunal b'dawk il-kwalitajiet u li jkollu 'ġurisdizzjoni sħiħa' fuq il-kwistjonijet kollha, kemm ta' fatt kif ukoll ta' liġi".*

94. Fil-fatt f'dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li m'hemmx ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, b'liema dispożizzjoni hu garantit il-jedd għal smigħ xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit b'liġi, *"in the determination .... of any criminal charge"*.

95. Kif diġà ngħad, il-Qorti ma ssibx raġuni għalfejn m'għandhiex issegwi l-istess linja ta' ħsieb tal-QEDB sabiex tinterpreta b'mod awtonomu l-kilem '*reat kriminali'* fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Wara kollox filwaqt li l-Artikolu 39(1) jirreferi għall-għoti ta' smigħ xieraq quddiem qorti meta xi ħadd *"ikun akkużat b'reat kriminali"*, daqstant ieħor l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jirreferi għal jedd għal smigħ xieraq quddiem tribubal *"In the determination .... of any criminal charge against him"*. Hu fatt li l-awtoritajiet li jimponu s-sanzjonijiet amministrattivi, mhuma la tribunal u lanqas qorti, u minkejja li l-piena amministrattiva tkun ġiet imposta b'referenza għal *criminal charge*, il-QEDB xorta ma ssibx ksur tal-Artikolu 6 ladarba l-persuna jkollha aċċess għal *full review* quddiem tribunal, li fil-każ tagħna hu qorti stabbilit b'liġi.

96. Dan speċjalment f'każ ta' infrazzjonijiet li ma jaqgħux fil-kategorija ta' *hard core of criminal cases*, u huma proċeduri ta' natura amministrattiva. F'dan ir-rigward fis-sentenza **<u>Affaire European Air Transport Leipzig GMBH</u>** li saret referenza għaliha hawn fuq, intqal hekk:

> *"53. Par ailleurs, si les exigences du procès équitable sont plus rigoureuses en matière pénale qu'en matière civile, la Cour n'exclut pas que, dans le cadre de certaines procédures pénales, les garanties offertes par l'article 6 ne doivent pas nécessairement s'appliquer dans toute leur rigueur (Jussila c. Finlande [GC], précité no 73053/01, §§ 43 - 44, CEDH 2006 XIV, Vegotex International S.A., précité, § 76). À cet égard, la nature d'une procédure administrative peut différer sous plusieurs aspects, de la nature pénale au sens strict du terme. Si ces différences ne sauraient exonérer les États contractants de leur*

*obligation de respecter toutes les garanties offertes par le volet pénal de l'article 6, elles peuvent néanmoins influencer les modalités de leur application (A. Menarini Diagnostics S.r.l., précité, § 62)".*

97. Hekk ukoll fis-sentenza **Vegotex International S.A. v Belġju** (49812/09) tat-3 ta' Novembru 2022, il-QEDB qalet reġgħet għamlet referenza għal dak li tirreferi għalih bħala *hard core of criminal law*:

*76. Furthermore, in accordance with the case-law of the Court, as tax penalties differ from the hard core of criminal law, the guarantees of Article 6 do not necessarily apply with their full stringency (see Jussila, cited above, § 43; see also, to similar effect, Segame SA v. France, no. 4837/06, §§ 56-60, ECHR 2012; Chap Ltd v. Armenia, no. 15485/09, §§ 41 and 44, 4 May 2017; and, from the standpoint of Article 4 of Protocol No. 7, A and B v. Norway, cited above, § 133).*

98. Imbagħad fis-sentenza **Chap Ltd v Armenia** (15485/09) tal-4 ta' Mejju 2017 l-istess Qorti qalet hekk:

*"41. The Court reiterates that notwithstanding the consideration that a certain gravity attaches to criminal proceedings, which are concerned with the allocation of criminal responsibility and the imposition of a punitive and deterrent sanction, there are criminal cases which do not carry any significant degree of stigma. There are clearly "criminal charges" of differing weight. What is more, the autonomous interpretation adopted by the Convention institutions of the notion of a "criminal charge" by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law (see Jussila, cited above, § 43). Thus, having established that tax-surcharge proceedings could fall within the protection of Article 6, the Court acknowledged that tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees would not necessarily apply with their full stringency (ibid.)".*

99. L-istess intqal fis-sentenza **Jussila v Finland** (73053/01) tat-23 ta' Novembru 2006 fejn għamlitha ċara li *"hemm criminal charges of differing weight"* u l-interpretazzjoni li tat għall-kliem '*criminal charge*' kienet

wessgħet il-każijiet li jaqgħu taħt il-parti tal-kriminal tal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni u li tradizjonalment ma jaqgħux taħt il-liġi kriminali. F'dan ir-rigward identifikat:

> *"…. for example administrative penalties (Öztürk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campbell and Fell v. the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v. France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Société Stenuit v. France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v. France, no. 33933/96, ECHR 2000-IX). Tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees will not necessarily apply with their full stringency (see Bendenoun and Janosevic, § 46 and § 81 respectively, where it was found compatible with Article 6 § 1 for criminal penalties to be imposed, in the first instance, by an administrative or non-judicial body, and, a contrario, Findlay, cited above)".*

100. Min-naħa l-oħra f'każijiet fejn il-QEDB iddeskrivithom bħala akkużi serji, ir-rikorrent "*80... was entitled to a first-instance tribunal which fully met the requirements of Article 6 para. 1 (art. 6-1) (see the De Cubber v Belgium judgment of 26 October 1984, Seriea A no. 86 pp. 16-18, paras. 31-32)*" (**Findlay vs the United Kingdom** 22107/93 tal-25 ta' Frar 1997).

101. Il-pieni amminsitrattivi li jimponi l-Korp, għaliex pereżempju kumpanija ma tkunx għamlet *due diligence* kif suppost, ma jistgħux jiġu klassifikati bħala *hard core of criminal law*.

102. L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jrid li l-persuna *"jiġi mogħti ('afforded' bl-Ingħliż) smigħ xieraq .... minn qorti iindipendenti u iimparzjali*

*imwaqqfa b'liġi"*. B' mod simili, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ukoll irid illi, *inter alia, "id-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ iimparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunaliindipendenti u iimparzjali mwaqqaf b'liġi."*

103. Fil-każ tagħna, persuna suġġetta li kontriha tkun inħarġet penali amministrattiva tista', jekk dik il-penali tkun 'l fuq minn ħamest elef ewro (€5,000), tappella dwarha lill-Qorti tal-Appell kemm fuq punti ta' fatt u kif ukoll ta' liġi (Art. 13A tal-Kap. 373) u l-Qorti tal-Appell *a sua volta* għandha l-poter li tħassar jew tvarja d-deċiżjoni tal-Korp (ara wkoll il-*proviso* tal-Artikolu 13Ċ(1)).

104. Għalhekk, b'mod konformi mal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ir-reviżjoni qiegħda ssir quddiem qorti li *multo magis* għandha "ġurisdizzjoni sħiħa" fuq il-kwistjonijiet kollha.

105. Għalkemm il-proċedura tal-appell hi regolata mill-Kap. 12, m'hemm xejn x'iżomm lill-Qorti tal-Appell milli jekk tara li hu meħtieġ jew utli tawtorizza s-smigħ ta' xhieda (Art. 208(1) tal-Kap. 12), u b'mod partikolari tisma' lir-rappreżentant tal-kumpanija rikorrenti jekk jitlob li jixhed. Tista' wkoll tippermetti li jiġu preżentati dokumenti (Art. 150(1)(b) tal-Kap. 12).

Dan ukoll meta tqis li sa dak l-istadju ikun għadu ma sarx proċess quddiem qorti.

106. Verament li dak il-jedd huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti. Però' li jsiru dikjarazzjonijiet *a priori* qabel ma jsir il-proċess quddiem il-Qorti tal-Appell, hu żbaljat. Dan apparti li kull qorti għandha wkoll id-dmir li waqt is-smigħ ta' proċeduri ġudizzjarji, tqis li l-liġi ordinarja tiġi applikata u interpretata b'mod li tkun konformi mal-jedd fundamentali in kwistjoni. Ovvjament, f'dan ir-rigward kien ikun iktar floku li l-proċess quddiem il-Qorti tal-Appell ikun ingħalaq biex wieħed jistħarreġ x'ikun seħħ fir-realtà. Madankollu, f'dan l-istadju l-Qorti trid tiddeċiedi dwar dak li tipprovdi l-liġi fir-rigward tal-jedd tal-appell li tagħti l-liġi.

107. F'dan il-kuntest, sabiex jitħares dak li trid il-Kostituzzjoni – li min hu akkużat b'reat kriminali jitressaq għad-deċiżjoni dwar il-ħtija quddiem qorti meta huwa akkużat, u mhux wara li ġa nstab ħati minn organu li ma huwiex qorti – l-oneru tal-prova quddiem il-Qorti tal-Appell ikun fuq il-Korp li juri għala d-deċiżjoni tiegħu għandha tibqa', u mhux fuq ir-rikorrenti li turi li għandha titħassar, biex hekk il-proċeduri proprjament ġudizzjarji jinbdew bil-preservazzjoni ta' innoċenza intatta.

108. Il-Qorti żżid li hu minnu li l-liġi timponi terminu ta' sitt xhur mill-ewwel seduta sabiex il-każ jinstema' u jiġi deċiż. Żmien li mad-daqqa

t'għajn jista' jidher qasir. Però b'daqshekk ma jfissirx li l-partijiet mhux ser jingħataw smigħ xieraq. Kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Dan apparti li l-Art. 13A stess jipprovdi:

> *"...... u ma għandu jingħata ebda aġġornament lil hinn mill-imsemmija sitt (6) xhur ħlief jew bil-kunsens tal-appellant u l-appellat jew għal raġuni eċċezzjonali li tiġi reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata ma tkunx aktar tard minn dak li hu ġustifikat b'dik ir-raġuni".*

109. Għalhekk hu evidenti li l-liġi stess tipprovdi għall-eċċezzjonijiet.

110. Kwantu għad-dritt tal-parità tal-armi, hu ovvju li t-tagħrif ikun qiegħed għand il-persuna suġġetta. F'dan il-każ jirriżulta li l-Korp għamel l-investigazzjoni a bażi ta' tagħrif li ġabar mingħand ir-rikorrenti. Ma jirriżultax li r-rikorrenti qatt irrifjutat li tagħti t-tagħrif li ntalbet, anzi, skont ix-xhieda ta' Patrick O'Brien[21], jidher li kkoperat. Eżerċizzju li jaqa' fil-funzjoni tal-Korp li '*jissorvelja konformita'* mill-persuni suġġetti' (Art. 16(1)(ċ) tal-Kap. 373) bil-għan li ssir evalwazzjoni dwar l-effettività tal-miżuri ta' *customer due diligence* li tattwa r-rikorrenti u dwar il-proċess ta' moniteraġġ.

111. Fir-rigward tal-parità tal-armi għal dak li għandu x'jaqsam ma' termini, quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) ma jirriżultax li sar x'ilment f'dak is-sens. Għal dik li hu l-istadju tal-investigazzjoni,

---

[21] Fol. 56

pjuttost jidher li r-rikorrenti kellha vantaġġ għaliex il-klijenti u r-*records* kienu tagħha u kienet altru milli fl-aħjar pożizzjoni li tirribatti għal dak li qal il-Korp dwar il-26 *file* li kienu eżaminati. Hu veru li fil-*compliance review* datat 16 ta' April, 2021 ir-rikorrenti ngħatat xahar żmien biex tibgħat l-kummenti tagħha flimkien mal-evidenza li għandha biex tissostanzja dak li qalet. Perjodu li mad-daqqa t'għajn wieħed jista' jargumenta li hu qasir wisq. Però ma rriżultax li kien hemm xi ostakolu biex dak l-eżerċizzju jsir fi tletin jum. Lanqas ma jirriżulta li r-rikorrenti talbet li tingħata iktar żmien u t-talba ġiet rifjutata.

112. Anzi, jirriżulta li b'ittra datata 16 ta' Mejju 2021 ir-rikorrenti għamlet sottomissjonijiet dettaljati (fol. 123) li jikkonferma kemm ir-rikorrenti ma kellhiex diffikultà tirribatti għal dak li jingħad fir-rapport tal-Korp.

113. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi li l-Artikoli 13(2) tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373) u regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 la jiksru l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u lanqas ma jiksru l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

<u>L-Appell tal-Avukat tal-Istat</u>

114. L-aggravji tal-Avukat tal-Istat huma:

i. li l-Ewwel Qorti skartat l-argumenti tiegħu li l-azzjoni tal-kumpanija appellata hija intempestiva u fi kwalunkwe każ, il-kumpanija kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju ordinarju;

ii. li l-Ewwel Qorti injorat li l-korp tar-rikors promotur u tat-talbiet mhux konnessi;

iii. li l-Ewwel Qorti qieset li l-kumpanija appellata għamlet sew meta ma ndikatx l-Artikoli speċifiċi tal-Kap. 373 u r-regolamenti tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 373.01 iżda ndikat biss il-Kap. 373 sħiħ flimkien mal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 373.01;

iv. li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta: a) qieset li l-piena amministrattiva nflitta fil-każ odjern għandha natura penali; b) li biex waslet għal tali deċiżjoni dik il-Qorti bbażat ruħha fuq il-kriterji ta' **Engel and Others v. The Netherlands**; u c) li dan kollu wassal lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta japplika għall-każ odjern;

v. li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabet li kien hemm leżjoni tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni; u

vi. li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

115. Dawn l-aggravji ġew kollha ndirizzati fil-konsiderazzjonijiet li saru dwar l-aggravji li ressaq l-FIAU. A skans ta' ripetizzjoni u dilungar bla bżonn il-Qorti tagħmel ukoll l-istess konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-appell interpost mill-Avukat tal-Istat.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi l-appelli tal-FIAU u tal-Avukat tal-Istat billi tilqa' l-istess sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza appellata billi:

1. Filwaqt li tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames eċċezzjoni preliminari tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja, fejn ċaħdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat, u fejn iddikjarat il-mertu tat-tielet talba sorvolat;

2. Tħassarha għall-kumplament u tiddeċiedi minflok billi:

(i) Tiċħad l-ewwel talba;

(ii) Tiċħad it-tieni talba.

Spejjeż tal-ewwel istanza jinqasmu in kwantu għal sebgħin fil-mija (70%) a karigu tar-rikorrenti u tletin fil-mija (30%) a karigu tal-intimati. L-istess fir-rigward ta' kull wieħed mill-appelli deċiżi b'din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi nserita fl-atti tal-proċess 82/2022 fl-ismijiet **XNT Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja** preżentement pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), sabiex tissokta bis-smigħ tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss